Ġunju 2011 • Vol 18 • Nru. 2

# IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp



## Fil-Paġni ta' ġewwa

- L-40 Konferenza Reġjonali Ewropea tal-INTERPOL MALTA, 11 sa 13 ta' Mejju 2011
- Żjara mill-Eċċellenza tiegħu l-President ta' Malta kif ukoll mill-Ambaxxatur Amerikan
- L-20 Laqgħa tal-Annual Programme Committee (APC) tas-CEPOL tinżamm f'Malta

u aktar...

*Newspaper Post*



SUITABLE FOR MEN AND WOMEN OF ALL AGES.




# Eliminate Odours

The Scholl Odour Control foot and shoe spray is a specialist range of products for feet, shoes and trainers. It provides advanced protection from odour and perspiration, with a guaranteed 24-hour performance. The Scholl Odour Control range is the only specialist foot care treatment with Neutra Active™, a unique patented neutralising system which is scientifically proven to be more effective in the treatment of foot and shoe odour, than traditional products which simply mask the odour.

Scholl

World's No.1 Footcare Specialist

AVAILABLE FROM ALL LEADING PHARMACIES, SCHOLL FOOTHEALTH CENTRES AND LEADING SUPERMARKETS.

scholl.com.mt

great feet feeling™

Ġunju 2011 • Vol 18 • Nru. 2

IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp

# WERREJ




Cover:
PS516 Alfio Borg u huwa l-Konsagrazzjoni tal-Artal fil-Kappella ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija

5 Editorjal

7 L-Adoloxxenti u l-Liġi – Kompjaċenża u Diżinteress?

13 Diskors ta' merħba lill-Mons. Arċisqof Pawlu Cremona O.P., fl-okażżjoni tad-Dedikazzjoni tal-artal u l-kappella fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija nhar il-Ġimgħa 15 ta' April 2011.

17 "Il-Korp tal-Pulizija Pilastru tal-Istat Demokratiku"

20 Pulizija tat-Taqsima tal-Immigrazzjoni jagħtu sehemhom fir-Rapid Deployment Team tal-Frontex, ġewwa Oristiada l-Greċja għal perjodu ta' tlett ġimgħat f'Novembru 2010

29 Il-Prevenzjoni tar-Reati u l-Pulizija tal-Prossimita'

32 L-40 Konferenza Reġjonali Ewropea tal-INTERPOL MALTA, 11 sa 13 ta' Mejju 2011

37 Sponsorships għall-40 Laqgħa Ewropeja tal-Interpolli saret f'Malta bejn il-11 u t-13 ta' Mejju 2011

38 Parteċipazjoni tal-Pulizija Maltija fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-159 Anniversarju mit-twaqqif tal-Polizia di Stato tal-Italja.

41 Tberik u ftuħ tal-Mejda tal-Appostli

43 Introduzzjoni tal-'Fleet Management System' (FMS) fil-Korp tal-Pulizija

43 Għarfien il-Ħila – Servizz lill-Kunsill

45 Kappella SAG ġewwa Ta' Kandja

46 Apprezzamenti

49 Avventura b'differenza

53 Żjara mill-Eċċellenza tiegħu l-President ta' Malta kif ukoll mill-Ambaxxatur Amerikan

54 L-20 Laqgħa tal-Annual Programme Committee (APC) tas-CEPOL tinżamm f'Malta

55 Procurement and Installation of Security Safety Equipment for Building Sites housing SIS equipment

57 International Police Association

60 Għaqda Pulizija Pensjonanti

62 Mejtin













IL-PULIZIJA

Membri tal-Bord Editorjali:

**President:** Supt. Dr Mario Spiteri LL.D.
**Editriċi:** Wps 93 Carol Fabri
**Membri:** Ps 128 Joseph Farrugia
Ps 772 Dennis Agius
Wpc 101 Roberta Grima
Wpc 255 Roberta Fenech
Is-Sur Joseph Borda

**il-Pulizija** tirringrazzja lid-ditti u aġenti tar-reklamar li għoġobhom jagħtu l-għajnuna tagħhom. L-artikli li jidhru f'dan il-Magazine ma jirriflettux bilfors l-opinjoni tal-Bord. Kull korrispondenza għandha tkun ittajpjata u għanda tintbgħat fl-indirizz hawn taħt:

Editur, "il-Pulizija", C.M.R.U., Police Headquarters, Floriana, VLT 2000

Disinn u riklamar

Ability Publications Ltd.
Tel: 21 241317, 27 241345
Fax: 21 241317
e-mail: refer@maltanet.net

Stampar

GUTENBERG PRESS - TARXIEN




# Summer Offers

**BOV Cards**
- 5000 Bonus BOV Points ma' kull applikazzjoni għal VISA Flypass Business Card

**BOV Personal Loans**
- Ebda spejjeż tal-ipproċessar
- Terminu ta' self estiż sa 7 snin fuq self ta' aktar minn €10,000
- Skont ta' 0.5% fuq il-marġini ta' imgħax normali fuq secured lending

**BOV Home Loans**
- Tingħata lura €50 fuq il-premium tal-ewwel sena meta tieħu MSV Protection/Loan Protection Plan mingħand il-BOV
- Tingħata lura €100 fuq il-premium tal-ewwel sena meta tieħu MSV Flexi Plan mingħand il-BOV

**BOV Personal Loans (Unsecured or partly-secured)**
- Ebda spejjeż tal-ipproċessar
- Terminu ta' self estiż sa 7 snin fuq self ta' aktar minn €10,000

*Impenn lejn is-suċċess tiegħek.*

COM 160611/1 BOV 29830

**BOV SUMMER OFFERS**
**2131 2020 | bov.com**

Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c.
58, Triq Żakkarija
Valletta VLT 1130 - Malta

Dawn l-offerti m'humiex validi ma' offerti jew skontijiet oħra matul l-istess perijodu. Il-faċilitajiet ta' self personali u kards ta' kreditu huma suġġetti għall-kriterji normali ta' self bankarju u għall-approvazzjoni mill-fergħa tiegħek tal-BOV. L-offerta tal-kard hija valida biss fuq kards ġodda li fuqhom titħallas tariffa sħiħa u ma tapplikax fuq kards supplimentari. Kull applikazzjoni għal Home Loan hija ntitolata għal rifużjoni waħda. L-APR fuq Personal Loan secured ta' €15,000 b'rata ta' nteressi ta' 5.2% għal 7 snin hija 5.401%. L-offerti kollha jagħlqu fil-31 ta' Awwissu 2011. Bank of Valletta p.l.c. huwa Intermedjarju marbut tal-MSV Life p.l.c. MSV Life hija liċenzjata mill-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji sabiex tagħmel negozju ta' l-assigurazzjoni fit-tul taħt l-Att Dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni (1998).

BOV
Bank of Valletta

# Editorjal

Fi ftit jiem oħra niċċelebraw il-197 Anniversarju mit-twaqqif tal-Korp tal-Pulizija. Huma bosta dawk il-membri li jipparteċipaw, b'modi differenti, sabiex din il-ġurnata tkun waħda speċjali.

L-ewwel attivita' li ser issir tkun dik tas-Sibt 2 ta' Lulju mid-9.00 ta' filgħodu ser ikun hemm *Open Day* fit-Taqsima tal-Klieb, Fort Mosta ser titella' Wirja tal-Annimali u fl-10.30 ta' filgħodu jkun hemm it-tberik tal-annimali.

Il-Ħadd 3 ta' Lulju, fejn tiġi ċċelebrata quddiesa fil-Kappella taċ-Ċimiterju ta' Santa Marija fl-Addolorata. Din iċ-ċerimonja ssir biex qatt ma ninsew lill-kollegi tagħna li taw sehemhom mal-milja tas-snin.

L-attivitajiet ikomplu t-Tnejn 4 ta' Lulju ġewwa l-Belt Valletta, fejn fl-10.30 ta' filgħodu jkun hemm program imtella' mill-Banda tal-Pulizija, wirja mis-Sezzjoni tal-Klieb kif ukoll mill-*Precision Drill Team*. Attivitajiet simili ser isiru l-**Ġimgħa 8 ta' Lulju** fil-20.30 ta' filgħaxija ġewwa M'Skala u l-**Ħadd 10 ta' Lulju** f'Buġibba.

Is-Sibt 9 ta' Lulju ser ikun hawn *Open Day* fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija li tibda mid-9.00 ta' filgħodu. Wara s-suċċess li kien hawn is-sena l-oħra, ser terġa titella' l-wirja ta' vetturi antiki u moderni li ntużaw mill-Pulizija, ser jinfetaħ ix-Xelter, kif ukoll ser ikun hemm il-Mużew miftuħ. Din il-wirja ser issir fil-bitħa magħrufa bħala dik tac-CID.

F'din il-ġurnata ser ikun hemm ukoll esebizzjoni ta' *Hobbies* li ser tkun f'waħda mill-kmamar li jinsabu ħdejn il-bitħa ta' San Mikiel.

It-Tlieta 12 ta' Lulju, l-ġurnata proprja ta' Jum il-Pulizija tibda b'Quddiesa Solenni ġewwa l-Kon-katidral ta' San Ġwann, fejn qabel il-Banda tal-Korp kif ukoll il-Gwardja tal-Unur tidħol minn Triq Repubblika u ssib postha quddiem il-Kon-katidral sabiex tiġi spezzjonata mill-Għola Uffiċjali tal-pajjiż.

Il-Ħamis 14 ta' Lulju, l-attivitajiet ikomplu Għawdex, fejn fis-sitta ta' filgħaxija jkun hemm Quddiesa ġewwa l-Kappella taċ-ċimiterju ta' Santa Marija u wara, fit-tmienja l-attivita' tkompli ġewwa Marsalforn.

Fil-ħarġa ta' Marzu bi żvista ma semmejniex min kien l-artikolist tal-artiklu 'L-użu skorett tat-telefon'. L-artikolist kien l-Ispettur Sandro Camilleri, li niskużaw ruħna għal kull inkonvenjent.

Bħala Bord nixtiequ l-Festa t-tajba lill-membri u l-familji tagħhom.







A member of the M.DEMAJO group

**SELEX Galileo is locally represented by Joseph Cachia & Son Ltd**
**T: 2552 9000 W: www.jcs.com.mt E: info@jcs.com.mt**

# L-Adoloxxenti u l-Liġi – Kompjaċenża u Diżinteress?

- Imħallef Silvio Meli

UNIVERSITY OF MALTA MELITENSIA MAIN LIBRARY

Żgur li wieħed ma' jistax ma jaqbilx ma' l-asserżjoni sempliċi li fil-mixja naturali li l-persuna umana għandha sa ma timmatura u tkun tista' verament tilħaq il-milja tagħha u tieqaf fuq saqajha fil-maturita`, l-adoloxxenza hi tappa kemm obbligatorja kif ukoll kritika, delikata u determinanti. Ovvjament, bħal kull żvilupp evoluttiv u formattiv ieħor, dan il-perjodu partikolari hu ġeneralment rikonoxxut bħala wieħed fejn min ikun għaddej minnu jista' jkun tassew kemm sod u determinat, kemm fraġili; ħafna drabi bla riferenza, jew b'riferenza inċerta; forsi anke addirittura, diżorjentat.

B'komplikazzjoni ulterjuri ma dan kollu, dan iż-żmien partikolari mhux perjodu uniformi, la għall-individwu kkonċernat, u lanqas meta wieħed janalizza dak li jkunu għaddejjin minnhom individwi ta' l-istess eta` li jistgħu jiġu studjati. Dan il-perjodu hu filfatt wieħed li jinkludi fih etajiet li fihom l-adoloxxent ikun għaddej minn livelli differenti ta' żvilupp, fejn minn tifel/tifla jispiċċa ġuvni/xebba u allura jgħaddu minn livelli differenti ta' koxjenza; ta' konoxjenza; u ta' rispons adegwat, skond il-livell ta' żvilupp li jkunu waslu fih.

Dawn il-fażijiet differenti jinfluwenzaw bi kbir dik l-attitudini għall-ħajja adottata mill-adoloxxent, u dan, minħabba l-eta`, il-preparazzjoni, jew il-gosti assimilati w adottati. Fil-komplessita` tagħhom, dawn mhux bilfors iwasslu għall-aħjar komportament u hu proprju għalhekk li allura l-adoloxxent jattira l-attenzjoni ta' diversi għodod soċjali li jistgħu jintużaw biex wieħed ikun jista' jifhem dan il-perjodu ta' żvilupp partikolari u jindirizzah aħjar għall-ġid kemm ta' l-adoloxxent, kif ukoll ta' l-istess soċjeta` jew komunita` li jgħix fiha.

Fost dawn l-għodod wieħed isib bi prepotenza dik l-għodda soċjali regolatriċi li aħna komunement insejħu l-***liġi***. Din hi għodda partikolari użata minn min għandu dik ir-responsabbilita` partikolari li kemm jista` jkun jagħmilha faċli li tinħoloq atmosfera soċjali armonjuża u b'hekk, mhux biss jipproteġi dawk il-prinċipji meqjusa soċjalment rilevanti li wieħed hu fid-dover li jippromwovi, iżda li jgħin ukoll ħalli jinstab dak il-bilanċ delikat bejn l-interessi veri tal-persuna li qed tiġi tutelata u dawk tas-soċjeta` li neċessarjament l-adoloxxent jifforma parti intrinsika minnha.



Għalhekk, bħala proposizzjoni preskrittiva li tirregola l-azzjonijiet inter-soġġettivi u li neċessarjament għandha ttendi lejn il-ġustizja, jekk verament irridu li l-liġi tilħaq dawn l-iskopijiet partikolari, wieħed għandu jadottha bl-iskop li jiġu ndirizzati dawk il-valuri li bl-użu tar-raġuni retta jkunu meqjusa rilevanti għall-ħajja aħjar. B'hekk, tiġi sfruttata l-funzjoni *edukattiva jew riformatriċi* tal-liġi aktar mill-funzjoni **deterrenti** li neċessarjament temana. Id-diffikulta` ħafna drabi hi dik li jintlaħaq bilanċ sa bejn dawn iż-żewġ polaritajiet.

Is-sitwazzjoni preżenti f'dan ir-rigward ma tantx hi rassikuranti u tittradixxi attitudini ħafna drabi inutilment sempliċistika. Jirrizulta sfortunatament li ħafna huma tal-fehma li l-affarijiet jistgħu jirrisolvu ruħhom weħedhom mingħajr il-ħtieġa ta' intervent serju w immirat. Madankollu, hu wkoll minnu li anke saru diversi nterventi leġiżlattivi f'attentat biex jiġi assikurat li ż-żagħżugħ ma jitħalliex jintilef fid-daħna taċ-ċpar li l-intratteniment modern jaf joffri.

Il-liġi preżenti per eżempju, għalhekk timponi li dawk taħt is-sittax–il sena ma jistgħux jidħlu fi ħwienet tax-xorb jew f'postijiet simili. Lanqas jistgħu jixtru sigaretti jew xorb alkoħoliku. Lanqas tippermetti lin-nies, anke ta' eta` akbar u statutorjament meqjusa adulta, li jixorbu fl-apert xorb spirituż f'ċerti toroq predeterminati. Tali projbizzjonijiet huma ovvjament lodevoli u għandu jkun ovvju li l-iskop prinċipali wara tali strateġija hu li jbegħdu lil min jista' jkun immatur mir-rikjam inebrijanti ta' ċertu tip ta' ħajja li l-esperjenza turi li tista' verament twassal għar-rovina.

Il-liġi għalhekk, permezz tal-premessi negattivi tagħha, qed turi preferenza ċara favur komportament partikolari. Tipprojbixxi għalhekk ċertu aġir li tikkonsidra li hu ħażin u ta' detriment għal dan l-iskop. B'hekk, bi kjarezza qed tippenaliza attitudini meqjusa allura anti-soċjali u ta' detriment għall-iżvilupp san ta' min għadu fil-fażi evoluttiva tiegħu u allura mhux f'pożizzjoni li jiġġudika liema hu l-aħjar aġir li għandu jaddotta.





Art. 068783 Size 36 - 41
Art. 068784 Size 40 - 47



Art. 068773 Size 36 - 42
Art. 068774 Size 40 - 47



Art. 068753 Size 36 - 42
Art. 068754 Size 40 - 47

Slip-resistant Vibram® outsole for grip and traction in any situation

Antistatic shock-absorbing direct-injected PU midsole to minimize joint and muscle fatigue

Receptor Technology plate for optimized guidance through every step

Internal heel-stabilizer which encapsulates the heel and minimizes the degree of pronation

Poliyou interchangeable inlay sole for all-day comfort feeling

Anatomically-moulded heel-counter for superior heel grip

100% waterproof GORE-TEX membrane for maximum comfort in all weather conditions

Full grain leather-upper construction

vibram®



ECCO Professional series has been developed to deliver high quality occupational and industrial comfort footwear without steel toe according to DIN EN ISO 20347. They are currently being delivered to the Dansk Police Force, DSB Danish Railways, Post Danmark, Danish Rescue and Security and Traffic Wardens.

All styles in the ECCO Pro Series are equipped with 100% GORE-TEX® membrane which is the most durable waterproof, windproof and breathable material on the market. The GORE-TEX® membrane consists of approximately 1.4 billion pores per square centimetre. No water or moisture can penetrate through the membrane from the outside. The membrane allows the water-vapour molecules to pass through easily. This protects the body from becoming either too cold or from overheating.

The application of shoe care products is highly recommended after exposure to wet conditions in order to retain the unique water-repellent features of leather.

Tower Shoes,
4, Tower Road, Sliema
**2133 3777**

St. Julian's Road,
San Gwann
**2137 8433**

King Shoe Shop
Tigrija Palazz (Level 2) - Gozo
**2156 9423**

Ordnance Str,
Valletta
**2122 4804**

Level 0, Baystreet
St. Julian's
**2372 0010**

ecco®
ecco-shoes.com.mt

Ovvjament, *prima facie* tidher li hi attitudini sana u ta' min jixprunaha. Pero` is-sitwazzjoni ndirizzata hi ferm aktar komplikata minn dak li jidher ma' l-ewwel daqqa t'għajn u soluzzjoni verament għaqlija tista' tirrikjedi ferm aktar minn hekk.

Fil-fatt jeżistu termini differenti biex jindikaw il-fenomenu li qed jiġi analizzat. Għandna l-kelma *żgħażagħ*; il-kelma *adoloxxenti*; il-kelma *minorenni* li lkoll jindirizzaw ċertu eta` iżda la jfissru l-istess ħaġa, la jinkludu l-istess etajiet u lanqas jattiraw l-istess rimedju. Preżentement il-grupp statutorjament meqjus bħala *minorenni*, mhux trattat uniformament mil-liġi. Issir distinzjoni, u dan, kontra dak indikat mill-Konvenzjoni dwar it-Tfal tan-Nazzjonijiet Uniti li tistabbilixxi li l-eta` kkonċernata għandha tkun ta' taħt it-tmintax–il sena. Minflok, il-liġi tagħna hi ambivalenti. F'ċerti ċirkostanzi tgħid li jikkwalifikaw bħala minorenni dawk ta' taħt it-tmintax–il sena, u f'ċirkostanzi oħra taqta` l-linja mas-sittax–il sena. Filfatt, dawk ta' l-aħħar huma mpeduti milli jiffrekwentaw postijiet ta' divertiment f'żona speċifika notorjament magħrufa għal dan il-għan, mentri dawk ukoll meqjusa minorenni f'qafas legali ieħor iżda li huma ta' aktar minn sittax–il-sena pero` taħt it-tmintax–il sena, jistgħu jiffrekwentawaha mingħajr tfixkil.

Din l-ambivalenza mhix sana u ma tieqafx hawn! Hu meqjus li minnha nnifsha, il-preżenza biss ta' dawn il-minorenni, (esklussivament taħt is-sittax-il sena), f'dan l-ambjent partikolari ffokat, tesponihom għal diversi attrazzjonijiet li mhux biss m'humiex adattati għal dik l-eta` iżda li jistgħu wkoll ikollhom effett negattiv irreparabbli. Jekk dan hux biżżejjed, jew jekk għandniex nadottaw il-miżura tan-Nazzjonijiet Uniti li Malta hi wkoll firmatarja tagħha mill-1990, wieħed jidher li għad irid jara!

Mingħajr ma' wieħed jinħela fuq liema hi l-aħjar linja ta' dimarkazzjoni, xorta għandu jirriżulta li l-iskop ta' pożizzjoni mperattiva bħal dik li ittieħdet hu ovvju u għalkemm mhux biżżejjed, xorta waħda ragwardevoli. Dak li dawn iż-żgħażagħ ser jixorbu, kemm f'sens figurattiv, kif ukoll f'sens ferm anqas metaforiku, u dan, f'eta` fejn għadhom fiżikament u psikoloġikament fraġli fid-diversi aspetti li jistgħu jiġu riskontrati, żgur li mhux adattat għalihom. Jekk allura dawn jinqabdu jiffrekwentaw dawn il-postijiet ittieħdet deċiżjoni konxja u voluta, li minħabba f'hekk, dawn ikollhom jirrinfaċċaw gwaj ġudizzjarju pjuttost serju bil-konsegwenza li l-futur tagħhom jista' wkoll jiċċajpar severement.

M'hux biss, imma anke dawk il-postijiet ta' divertiment li jinqabdu b'dawn il-minorenni fihom jistgħu jgħaddu wkoll gwaj konsiderevoli li jistgħu kemm iġibu fix-xejn l-investiment kospikwu li jkun sar f'dawn il-postijiet ta' divertiment kif ukoll, li jistgħu addirittura jipperikolaw l-ekwilibriju delikat ta' l-industrija turistika, industrija li fl-istess ħin hi ta' importanza raggwardevoli għall-ekonomija ġenerali tal-pajjiż.

Il-liġi hawn qed tesprimi l-aspett **deterrenti** tagħha u permezz t'hekk qed turi liema direzzjoni tiffavorixxi. Permezz ta' din l-għodda partikolari, (il-liġi), qed jiġu ndirizzati bi prepotenza dawk il-konsegwenzi li għandhom jirriżultaw f'dawn iċ-ċirkostanzi. Mhux biss, iżda biex tikkumplimenta din l-atitudini meħuda, ġiet ukoll stabbilita struttura legali speċifika li għandha tintuża' biex titratta mal-minorenni/adoloxxenti meta dawn isibu ruħhom f'sitwazzjonijiet ta' tali rilevanza. Meta wieħed jifhem li hawn qed jiġu trattati persuni li għadhom ma' żviluppawx - la fiżikament u lanqas psikoloġikament jew emozjonalment b'mod komplet - allura wieħed għandu jifhem li l-liġi, kif dovut, tittrattahom b'mod differenti f'kull sfera tal-problematika li tali komportament joħloq minn persuni meqjusa adulti, u dan, fl-interess ta' l-istess adoloxxenti u tas-soċjeta`.

Fil-fatt f'dawn il-każi ġudizzjarji li jirrigwardaw lill-minorenni, il-piena li tista' tingħatalhom tiġi statutorjament ridotta meta paragunata ma' l-istess ċirkostanza magħmula minn adult; il-forum ġudizzjarju ġeneralment jinbidel peress li twaqqaf wieħed speċjali li għandu l-iskop li jħares l-interessi partikolari tal-minorenni, l-identita` tal-minorenni hi salvagwardata, u finalment, il-proċedura adottata hi ġeneralment aktar sensittiva għal din l-ispeċifiċita` partikolari li allura tinħoloq. Is-sistema legali preżenti allura anke tistabbilixxi qorti jew tribunal speċjali mwaqqfa apposta fejn l-oneru tagħha m'hux biss hu li tittratta lill-minorenni b'aktar simpatija, iżda li l-iskop finali tagħha hu li tirrilaxxa fis-soċjeta` persuna li tkun aktar matura u li tgħallmet mill-esperjenza.

Tali persuna tkun għalhekk awspikatament aktar kapaċi tieqaf fuq saqajha milli qatt kienet qabel biex b'hekk ma tkunx aktar ta' piż soċjali u minflok, issir kontributur.

Effettivament, l-iskop wara l-ħolqien tal-Qorti tal-*Minorenni* kien dak li suppost il-kompożizzjoni tagħha tiffaċilita' dan l-iskop nobbli ndikat. Allura, f'attentat biex jintlaħaq dan il-għan kien ġie deċiż li din il-qorti tkun iffurmata jew komposta minn tliet persuni - Maġistrat li jippresjedi, u żewġ membri lajċi li waħda minnhom trid neċessarjament tkun *mara*. Ovvjament ħafna kienu sempliċistikament jaħsbu li tali struttura hi idejali u filfatt jidher li ħafna għadhom anke jaħsbu hekk



## An investment opportunity with a difference

- Bringing together specialist managers into a single fund
- Adopting different approaches and different styles to investing
- Providing an innovative, yet sophisticated cost efficient investment solution
- Accessing a range of equity funds

# Multi-Manager, Multi-Talent & Multi-Approach

VALLETTA
FUND MANAGEMENT

**VILHENA EUROPEAN MULTI-MANAGER FUND**

**VILHENA UK MULTI-MANAGER FUND**

**VILHENA US MULTI-MANAGER FUND**

**8007 2344 | vfm.com.mt**
BOV Branches in Malta and Gozo
& Licensed Financial Intermediaries

Past performance is not a guarantee to future performance. The value of the investment may fall as well as rise and any initial charges may lower the amount invested and the amount received upon redemptions. Investments should be based on the full details of the Prospectus, which may be obtained from Valletta Fund Management ("VFM"), Bank of Valletta Branches and other licensed financial intermediaries. VFM is licensed to provide Investment Services in Malta by the MFSA. The Vilhena Funds SICAV plc is licensed by the MFSA and qualifies as a UCITS. Issued by VFM, TG Complex, Suite 2, Level 3, Brewery Street, Mrieħel BKR 3000. Source: VFM

l-istruttura qatt ma' nbidlet minn meta inkitbet il-liġi inkwistjoni fl-1980[1] u minn ikkritikaha ġie injorat u meqjuż bħal Sokrate bħala korruttur.

Sfortunatament, nonostante l-fatt li ftit jaraw xi anomalija fir-rigward, tali struttura xorta toħloq problema konsiderevoli għaliex wieħed jista' bi ftit sforz immedjatament jinduna li din l-istruttura hi effettivament mhux biss espressjoni ta' femminizmu diżorjentat, iżda hi wkoll ta' detriment għall-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja u allura kontra l-veru interess tal-minorenni u tas-soċjeta`. Filfatt, tali struttura hi superfiċjalment idonea u minflok tiskarta dak li hu verament rilevanti u dak li jista' jkun tassew pożittiv. Per eżempju, il-kapaċita` intellettwali, il-preparazzjoni forensi meħtieġa, u l-esperjenza f'dan il-kamp speċjalizzat, huma għal kollox injorati, u għalhekk wieħed ma jistgħax ħlief li jikkonkuldi li tali struttura qatt ma' tista' verament tkun ta' rilevanza vera fejn tassew meħtieġ.

Kontributuri oħra li jistgħu jkunu ferm rilevanti f'dan il-qasam delikat lanqas biss huma kkonsiderati. Skopijiet xierqa, li hu d-dover li min hu responsabbli għandu jipprova jilħaq, huma ukoll għal kollox injorati. Wara kollox, l-iskop veru ta' struttura ġudizzjarja mpenjata għandu jkun dak li bl-għajuna ta' esperti f'dan il-qasam tirresponsabbilizza lill-minorenni biex tgħin ħalli persuni verament imħarrġa professjonalment idawru lill-minorenni nvoluti minn ***piż*** għas-soċjeta` għal *kontribwenti effettivi* ta' l-istess. Jekk dan l-iskop ma jintlaħaqx qed niżirgħu l-falliment.

Tenut kont ta' dak li jirriżulta statutorjament attwat sa llum, jidher li l-aspett ***deterrenti*** tal-liġi nkwistjoni ġie mogħti ferm aktar prominenza minn dak *edukattiv jew riformattiv* li din tista' tagħti, u dan, għad-detriment kemm tal-minorenni jew tal-adoloxxenti, kif ukoll tas-soċjeta`. Direzzjoni serja għalhekk, tirrikjedi struttura differenti fejn dawk il-veri interessi individwali tal-adoloxxenti u dawk komuni tas-socjeta` jkunu verament indirizzati u tutelati.

Jidher ukoll li d-direzzjoni sempliċistikament deterrenti li ittieħdet qiegħda allura tinjora għal kollox aspett partikolari li jimmerita aktar attenzjoni. Ħafna qed iserħu rashom bil-fatt li fuq il-karta għandna statuti iebsin li ma jippermettux ingongruenzi għaliex wieħed malajr jiffaċċa penalitajiet ta' natura pjuttost goffa. Jekk wieħed jiżgarra, jaqlagħha.

Meta min kien dovut ra li l-pieni ma kienux ta' deterrent suffiċjenti malajr indaqqu ħafna trombi u l-pieni żdiedu f'ħakka t'għajn biex mingħalina ġibna lill-kulħadd f'postu. Xejn ma jirriżulta li hu 'l bogħod aktar minhekk. Mawra sa dawn il-postijiet ta' divertiment fejn jara x'qed jiġri, jew sal-qorti responsabbli minn dan il-kwartier fejn allura wieħed ikun jista' jara x'passi verament qed jittieħdu u kontra min, malajr jifthulek għajnejk għal dak li verament qed jiġri kuljum mingħajr ma ħadd jitkexkex fir-rigward.

Jidher li nonostante l-isforzi kollha li saru xorta m'aħniex nindirizzaw il-problema b'mod pożittiv. Iż-żgħażagħ jibqgħu żgħażagħ u gwaj jekk ma jkunx hekk! Li ġara hu li għal ħafna s-soluzzjoni hi waħda faċli – it-triq tal-kastig. Pero` jekk l-esperjenza ta' millennji sservi għal xi ħaġa, il-kastig, għalkemm ikexkexx, ma' jirriformax u m'hux verament effettiv. Ftit għexieren ta' snin ilu r-risposta kienet differenti, għalkemm aktar impenjattiva. Indunaw li bil-kastig biss ma' tbiddilx il-kuxjenzi. Li kien jiġri f'dan iż-żmien u li ftit jiġi riskontrat illum, hu li ż-żgħażagħ kellhom *alternattiva komportamentali* li, għal ħafna raġunijiet, ma tantx għadha tinstab. Illum għal ħafna żgħażagħ sfortunatament l-alternattiva għad-divertiment frivolu hu l-iżolament tal-kompjuter jew il-baħħ, alternattiva ferm perikoluza li twassal biss għall-anjentament tal-persuna.

Fi żminijiet ftit imbegħda kienu jeżistu ħafna aktar alternattivi eżistenzjali ta' profit għal dawn iż-żgħażagħ u kienu jkopru oqsma li jvarjaw mill-isport sal-ġabra komunitarja taħt tutela ta' xi għaqda ta' bixra ħafna drabi soċjali jew reliġjuża. Illum dawn l-għejun komportamentali qed jitnixxfu u qed jevaporaw qishom bl-effett tat-tibdil tal-ambjent. Riżultat ta' dan hu li ż-żgħażagħ ma tantx għandhom alternattivi sani għall-vojt riskontrat u ħafna illum jiffaċċjaw jew l-ambjent xejn san fuq delineat jew ix-xejn.

Hi l-fehma ta' ħafna li dan għandu jiġi kombattut biex l-alternattiva sana ta' xi snin ilu fuq imsemmija terġa tiġi rijabilitata u msaħħa. Għandhom isiru sforzi biex il-vortiċi ta' *baħħ komportamentali* riskontrat jiġi ndirizzat mill-ġdid biex wieħed jipprova jsib tweġibiet ġodda għal sitwazzjonijiet antiki. Hu dan li jista' jagħti fiduċja liż-żgħażagħ tal-lum. Il-frivolezza hemm bżonn li tiġi eradikata bil-ħolqien ta' alternattivi ntelligenti, pożittivi, u ferriħa li jattiraw liż-żgħażagħ biex filwaqt li jbegħduhom mill-vojt komportamentali li jista' jaħkimhom jindirizzhom lejn valuri sodi li ssaportew it-test taż-żmien.

1. Kap 287 tal-Liġijiet ta' Malta.

ame

health and safety services ltd.




**AME health and safety services ltd** is a locally based consultancy and training provider in the Occupational Health and Safety field. We provide our services to all business operators in industrial, commercial and any work environment that entail human activity.

AME is made up of our highly specialized team of qualified personnel in Diploma for Social Studies (Occ. Health and Safety) University of Malta accredited by the Institute of Occupational Health and Safety (IOSH, UK)

Our commitment is to promote awareness and procedures in accordance with Occupational Health and Safety Regulations.

**RISK ASSESSMENTS • OHS MANAGEMENT CONSULTANCY • INSPECTIONS • TRAINING**

Innovation Centre, Apartment 2, Tower Street, Swatar, B'Kara BKR 4012. Tel: 2149 5781 Fax: 2144 6234 www.ame.com.mt

# Diskors ta' merħba lill-Mons. Arċisqof Pawlu Cremona O.P., fl-okażżjoni tad-Dedikazzjoni tal-artal u l-kappella fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija nhar il-Ġimgħa 15 ta' April 2011.

Eċċellenza Reverendissima,



Fit-12 ta' Lulju, Jum il-Pulizija tas-sena l-oħra, inti ġentilment ilqajtna fil-Kon-kattidral tas-San Ġwann u dak inhar fil-messaġġ tiegħek fl-omelija fost affarijiet oħra inti għedtilna dan il-kliem: "Jieħu gost il-Mulej għax qed nagħtuh radd ta' ħajr biex nifthu qalbna aktar ħalli nirċievu aktar don min għandu". 1

Illum, bħala Kappillan tal-Korp u f'isem il-Kummissarju, l-Uffiċjali u l-membri kollha tal-Korp, għandi l-unur li nilqgħak mhux fil-katidral tagħna imma f'din il-Kappella daqshekk ieħor importanti u għażiża għal ħafna minna biex inroddu ħajr 'l Alla għad-don kbir li tagħna fl-imħabba tiegħu lejna.

Jekk il-*control room* f'dan il-Kwartieri Ġenerali hija mportanti ħafna għall-Korp għax minnha tiġi kkordinata l-ħidma kollha, nistgħu ngħidu li din il-Kappella tista' tkun il-post fejn niġu u nikkordinaw mal-Mulej Ġesu' dak kollu li titlob minna l-fidi tagħna.

Eċċellenza, fuq inizzjativa personali u interess sa l-inqas dettal tal-Kummissarju preżenti, din il-kappella ġiet irranġata u msebbħa u issa li ġie fi tmiemu x-xogħol kollu, hija ħaġa qaddisa li inti tikkonsagra l-artal u l-kappella biex tkun il-post, li mhux biss niċċelebraw l-Ewkaristija kull nhar l-Ewwel Ġimgħa tax-xahar u kull nhar ta' Ħadd u ċelebrazzjonijiet liturġiċi kollha matul is-sena, iżda tkun ukoll il-post fejn kif jgħidilna Ġesu' fl-Evanġelju: "Ejjew intom ilkoll li tinsabu mħabbtin u mtaqqlin u jiena nserraħkom." Mattew 11,28

Hija drawwa qaddisa u sabiħa ta' ħafna li jaħdmu hawn li matul il-ġurnata imqar għal ftit ħin jidħlu isellmu li Ġesu Sagramentat, jew fil-mumenti diffiċli tal-ħajja meta nħossu l-qtigħ il-qalb, meta ma jifmuniex, jew nħossu il-problemi tal-ħajja u tal-post tax-xogħol jgħaffsu fuqna, jiġu sa hawn u jsibu oasi ta' paċi.

Eċċelenza, mhux kollha kemm aħna hawn preżenti wasalna fl-għola livel ta'qdusija, iżda hemm xewqa f'ħafna minna li nimxu fit-triq tal-qdusija. Hawn minna li fir-relazzjoni tagħna m'Alla l-imbierek iħossu li mxew ħafna, oħrajn jinsabu f'salib it-toroq, u oħrajn li għamlu l-ewwel pass u jixtieq jkomplu. Din il-kappella hija għal kull wieħed u waħda minna il-post biex niltaqgħu mal-verita' fil-persuna ta' Ġesu Kristu meta nisimgħu l-Kelma tiegħu u nirċevuh fl-Ewkaristija u nitolbuh biex jgħinna biex fid-deċiżjonijiet li jkollna bżonn nieħdu kemm fuq livell personali kif ukoll bħala pajjiż inkunu koerenti u f'sintonija ma dak li nistqarru meta ninġabru flimkien biex nitolbu.


CARUANA CONSTRACTIVE CO. LTD.
WE BUILD YOUR FUTURE
BUILDING & TURNKEY
CONSTRUCTION
CRANE HIRE SERVICE
DIRECTOR: PETER CARUANA
13, TRIQ TAL-WEJ, MOSTA MST 2464
TEL: 21423851 - FAX: 21 424292
MOB: 7942 8465
E-MAIL: CACTIVE@GO.NET.MT
WWW.CONSTRACTIVE.COM
ISUZU
LEYLAND

Kienu ħafna l-okażżjonijiet tal-predeċessuri ta' qablek li żaru u qaddsu f'din il-kappella. Kienet użanza tal-Arċisqof Mikiel Gonzi li kull sena għall-Festa tas-Salib, li qabel ir-riforma liturġika kienet tiġi ċċelebrata fit-3 ta' Mejju, kien iqaddes u jilt-aqa' mal-uffiċjali u l-membri tal-Korp.[2] L-Arċisqof Emeritu Ġużeppi Mercieca għal ħafna drabi ta' snin f'Jum il-Pulizija kull sena ukoll kien jiġi jqaddes hawn.

Ma naħsibx li hija kumbinazzjoni li din il-kappella se tiġi ddedikata lis-Salib Imqaddes. Iżjed naħseb li għandu jkun mument ta' riflessjoni biex napprezzaw dejjem iżjed dan is-sinjal qawwi f'ħajjitna. Il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fit-18 ta' Marzu 2011 li għadda ddikjarat li l-preżenza tal-Kurċifiss fil-klassijiet fl-iskejjel taljani għandu jitħalla[3], dan lilna jkompli jikkonvinċina u jgħamlilna kuraġġ li l-Kurċifiss huwa sinjal li rridu nkomplu nqimu u nikbru fl-imħabba tagħna lejh. Jidwi f'widnejna u f'qalbna kliem San Pawl lil Korintin: "...imma aħna nxandru Messija msallab, skandlu għal Lhud u bluha għall-Griegi; iżda għal dawk li huma msejħin, sew Lhud sew Griegi, Kristu huwa l-qawwa t'Alla u l-għerf t'Alla" (1 Korintin 1,23)

F'Malta, minbarra fil-parroċċi u knejjes, f'diversi





postijiet u ambjenti tax-xogħol mas-sinjal tal-Kurċifiss għandna ukoll il-grazzja u l-barka tal-preżenza tal-Ewkaristija.

Nixtieq nieħu l-opportunita' biex nirringrazzja lil dawk kollha li taw is-sehem tagħhom biex sar ix-xogħol f'din il-kappella, mill-Perit Vincent Centorino sal-ħaddiema kollha tat-Taqsima tas-Snajja tagħna u napprezaw il-ħidma u l-kapaċita tagħhom f'dak kollu li sar. Grazzi ukoll lil dawk li taw is-sehem tagħhom fit-tindif u l-aħħar preparazzjonijiet biex nagħmlu din iċ-ċelebrazzjoni.

F'isem dawn kollha preżenti u oħrajn li għal xi raġuni ma setgħux jingħaqdu magħna, grazzi li lqajt l-istedina tagħna għal din iċ-ċelebrazzjoni.

Eċċelenza Reverendissima, f'isem il-Kummisarju, l-Uffiċjali u l-membri tal-Korp tal-Pulizija, indenjament u umilment nitolbok tiddedika 'l Alla l-Imbierek din il-Kappella taħt it-titlu tas-Salib Imqaddes.


1. Il-Pulizija, Vol. 17. no.3, Settembru 2010, p.28
2. Edward Attard, Mintoff u De Gray, 2008, p.120
3. Press Release no. 234, 18.03.2011, echrpress@ echr.coe.int


J. MICALLEF
service station & auto centre
Buqana Road, l/o Rabat - Malta
t: 2145 0853 - m: 7945 0855
book your int & ext carwash
call - 7946 4541
The only prompt service carwash ..........
Also available
ATM Service
....5 washers on the go
24 hrs self-service carwash
www.bov.com
Enjoy a snack
while we wash
mon-fri: 7am-5.30pm
sat: 7am-2.30pm
CarWash
your one stop shop for your car care

# "Il-Korp tal-Pulizija Pilastru tal-Istat Demokratiku" - Onor. Carmelo Mifsud Bonnici



Nhar it-18 t'April 2011, il-Kummissarju John Rizzo laqa' ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija konferenza stampa mtellgħa mill-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern rigward it-Tielet sena ta' ħidma li wettaq l-imsemmi Ministeru. Tajjeb li wieħed isemmi li l-Korp tal-Pulizija jaqa' taħt dan il-Ministeru.

Mal-wasla tal-Onor. Ministru Carmelo Mifsud Bonnici, li ġie milqugħ mill-Kummissarju tal-Pulizija flimkien ma' uffiċjali għolja fi ħdan il-Korp, ħa l-okkazzjoni sabiex iżur il-Laboratorji ġodda tal-Forensika.

L-Ispettur Ramon Cassar, bħala l-uffiċjal inkarigat mis-Sezzjoni tal-Forensika, ħa ħsieb li jispjega sa l-inqas dettal lill-Ministru x-xogħol li qed issir ġewwa l-laboratorju. L-ewwel waqfa kienet propju fejn jiġu eżaminati l-marki tas-swaba. L-apparat li qed jintuża' huwa wieħed ta' livell għoli, fejn għandek apparat ta' *magnification* kif ukoll apparat sabiex minn fuq oġġett titrasferixxi l-marki tas-swaba għal fuq kompjuter sabiex tkun tista' tqabbel ma' data storjata.



Apparat ieħor li nġieb apposta għal Forensika u li jinsab proprju f'garaxx mgħammar apposta, huwa *lifter* li jgħolli l-vetturi sabiex ikun jista' isir bla tfixkil ta' xejn l-eżami forensiku kif ukoll ġbir ta' traċċi ta' evidenza minn fuq il-vetturi skond xi jkun ir-reat.

Minn hemm imxejna lejn dipartiment ieħor, dejjem fi ħdan il-Forensika li tista' tgħid huwa ta' importanza kbira u li ġab miegħu titjieb enormi f'din is-sistema. Dan huwa d-dipartiment ta' *DNA DataBase*. Nieħdu bħala eżempju l-marki tas-swaba li jinsabu fuq xi xena tar-reat. Permess ta' dan l-apparat li nġieb minn barra, wieħed jista' jkollu aċċess mhux biss għal *database* ta' Malta imma jista' jqabbel il-marki tas-swaba ma' *database* tal-pajjiżi kollha tal-Unjoni Ewropeja.



L-Onor. Ministru żar ukoll sezzjonijiet oħra tal-Forensika bħal ma huma l-fotografija, *scene of crime* kif ukoll passport *sample*. F'kull dipartiment l-Onor. Mifsud Bonnici ngħata mhux biss deskrizzjoni tax-xogħol imma dimostrazzjoni tax-xogħol li jsir.

Matul din iż-żjara kemm l-Onor Ministru kif ukoll il-Kummisarju tal-Pulizija dehru sodisfatti bil-progress li sar u li qed isir ġewwa l-Forensika. Dan żgur li jwassal għal aktar suċċess fl-investigazzjonijiet.



Wara ż-żjara u l-laqgħa li ngħata ġewwa d-Dipartimet tal-Forensika, l-Onor. Ministru żar il-*Control Room* li bħal dejjem tista' tgħid li l-uffiċjali li jagħtu s-servizz tagħhom hemmhekk ma jieqfux.

Hawnhekk kien sar il-ħin sabiex il-Konferenza stampa tibda. Din saret ġewwa l-*Officers Mess*. Il-Ministru spjega kif din is-sena

ta' ħidma kienet waħda li matula twettqet ħidma ntenzjonata sabiex tkompli tibdel, tifforma kif ukoll iddaħħal strumenti legali ġodda bil-għan li tissaħħaħ l-ordni fil-pajjiż. Saret ħidma ukoll sabiex intejbu fis-servizz mogħti liċ-ċittadin.

Ħafna minn din il-ħidma li saret effetwat mhux ftit ix-xogħol tal-Pulizija. Nibdew billi nsemmu l-liġijiet ġodda, fosthom l-abbozz tal-liġi li ħa joffri protezzjoni aqwa lit-tfal. Ġew introdotti emendi ġodda sabiex it-tfal ikollhom protezzjoni aqwa kontra min jabbuża minnhom f'atti ta' pornografija. Ġiet introdotta l-abbozz ta' liġi li permess tiegħu ser jinżamm reġistru ġewwa l-Qorti li fih jidħlu dettalji tal-persuni li jkunu nstabu ħatja li kkommettew delitti kontra l-minuri.

Kien hemm ukoll tisħiħ tal-organi demokratiċi kontra l-illegalita' li fih insibu l-abbozz ta' liġi dwar il-Protezzjoni ta' min jiżvela nformazzjoni li tkun protetta (*Whistleblower Act*). Ġie approvat ukoll abozz ta' liġi li jipprovdi li jiġu applikabbli d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali u l-Att kontra l-*Money Laundering*. Fost diversi liġijiet u abbozzi oħra ma jistax jonqos li ma nsemmux l-abbozz ppubblikat imsejjaħ "Att dwar il-Ġustizzja Riparatriċi" li għandu l-għan li jintroduċi l-*parole* u l-medjazzjoni bejn il-vittma u min iwettaq ir-reat, filwaqt li jirriforma s-sistema tat-tnaqqis mis-sentenzi ta' ħabs.

Il-Ministru semma' ukoll ix-xogħol li sar u li qed isir ġewwa l-Qorti, fejn sar tnaqqis tal-każijiet pendenti kemm fil-kamp Ċivili kif ukoll f'dak Kriminali. Issemma ukoll l-impenn mill-Uffiċju tal-Avukat Ġenerali, li matul din is-sena rajna żieda fl-Appell Kriminali Inferjuri, fil-ġurijiet u fil-qasam kriminali in ġenerali. Hawnhekk għamel referenza ukoll li bħalissa hemm numru rekord ta' persuni li qed jinżammu fil-Faċilita' Korretiva ta' Kordin.

L-Onor Mifsud Bonnici radd ħajr għall-ħidma varja li jwettaq il-Korp tal-Pulizija. Huwa semma' li grazzi għall-Korp komplejna naraw riżultati pożittivi li jixhdu li qegħdin fit-triq it-tajba u l-ħidma kontra l-kriminalita' qed tħalli l-frott tagħha. Tajjeb li wieħed isemmi li skond statistika dwar reati kriminali reġistrati jindika li filfatt kien hemm tnaqqis. Hawhekk il-Ministru semma' ukoll l-investiment li qed issir fil-Korp tal-Pulizija. Beda billi semma' l-apparat ġdid li nxtara. Mis-sena li għaddiet il-Korp ra żieda ta' 34 vettura oħra, 4 Land Rovers kif ukoll muturi varji. Fost apparat ieħor nsibu ukoll *Automatic Fingerprint Identification System* (AFIS), li hija magna li



tqabbel il-marki tas-swaba u l-marki tal-pala tal-id. Irridu nsemmu ukoll il-magna tad-*DNA database* li ġabet magħha pass kbir.

Matul din is-sena ngħatat spinta 'l quddiem lill-iżvilupp tar-riżorsi umani fil-Korp tal-Pulizija. F'Ġunju tal-2010, 130 rekluta temmew kors li kien mifrux fuq perjodu ta' disa' xhur. F'Ottobru tal-istess sena beda kors ta' reklutaġġ ġdid li ħa jkun mifrux fuq perjodu ta' sena. Permezz ta' din il-ħidma l-Ministeru żamm għoli n-numru ta' uffiċjali fil-Korp. Tajjeb li wieħed isemmi ukoll li bħalissa jinsab għaddej ukoll kors għall-Ispetturi.

Isemmiet ukoll it-tama li għandu l-Ministeru li tul din is-sena tibda l-ħidma fuq il-bini tal-Akkademja l-ġdida ġewwa Ta' Kandja. Intant, diġa' nbeda x-xogħol ta' tindif u żgumbrar tas-sit fejn din ser tkun qed tinbena.

Ma setgħax jonqos li jissemma' l-argument immigrazzjoni. F'dan is-settur kellna bidliet fix-xejriet li konna drajna bihom fis-snin preċedenti. In-numru ta' persuni li waslu permezz tal-baħar fejn tidħol l-immigrazzjoni irregolari naqas drastikament. Avolja s-sitwazzjoni li bħalissa hemm ġewwa l-Libja ħa tħalli l-effetti tagħha. Il-Ministru fuq dan il-qasam semma kif il-Ministeru ħa l-opportunita' sabiex ittejjeb l-faċilitajiet ta' detenzjoni tagħna. Kemm il-Forzi Armati ta' Malta mmodernizzaw l-infrastruttura tal-mezzi ta' kommunikazzjoni tagħhom, kif ukoll il-Pulizija li rnexxielhom jakkwistaw tagħmir addizzjonali li jintuża' fil-qadi ta' dmirijiethom fil-qasam tal-immigrazzjoni. Il-Pulizija ngħataw fondi ukoll sabiex ikopru nfiq relatat mal-integrazzjoni tas-sistemi tas-SIS II u SIRENE II ma sistemi nazzjonali.

Waqt din il-Konferenza stampa l-Onor Ministru Carmelo Mifsud Bonnici faħħar mhux ftit id-dipartimenti kollha li għandu taħt il-Ministeru tiegħu fosthom lill-Pulizija fejn sejħilha bħala waħda mill-pilastri tal-istat demokratiku.

PARK TOWERS
SUPERMARKETS



You'll love us for...

...offering you the widest choice at the best prices!

SPECIAL OFFER
Spend €100 and get...
...5 FREE (1.5L) SOFT DRINKS
or
3 FREE PACKS of KRISTAL WATER

...and you'll also love us for the money you save!

The Mall, Park Towers, St. Julians Tel: 2137 8520
Psaila Street, Santa Venera Tel: 2148 0807

Carrefour
Europe's leading supermarket chain.

# Pulizija tat-Taqsima tal-Immigrazzjoni jagħtu sehemhom fir-*Rapid Deployment Team* tal-Frontex, ġewwa Oristiada l-Greċja għal perjodu ta' tlett ġimgħat f'Novembru 2010

AC Andrew Seychell, Special Branch

Wara talba li saret mill-Aġenzija Ewropeja għall-Kontroll tal-Fruntieri, il-Frontex, lejn l-aħħar t'Ottubru 2010, ittieħdet deċiżjoni mill-Kummissarju li jintbagħtu esperti mit-Taqsima tal-Immigrazzjoni biex jgħinu fit-tisħiħ tal-Kontroll tal-Fruntiera ta' l-art bejn il-Greċja u Turkija. Għaldaqstant uffiċjali tar-*Rapid Border Intervention Team* minn Malta kellhom jintbgħatu f'żona fejn l-assistenza tagħhom kienet meħtieġa.





Min mhux familjari max-xogħol tal-Frontex żgur li l-ewwel ħaġa li jistaqsi malli jara dan l-artiklu hu "Min huma l-uffiċjali tar-*Rapid Border Intervention Teams*?

Fil-qosor u biex wieħed jifhem aħjar, irid jingħad illi f'Awwissu tal-2007 daħal fis-seħħ ir-Regolament *RABIT* (Regolament EC 863/2007). Permezz ta' dan ir-regolament saru provvjżonijiet biex jitwaqqaf dak li hu msejjaħ ir-*Rapid Pool*. Dan il-pool huwa magħmul minn esperti nazzjonali li jistgħu jintbagħtu għal xogħol konness ma kontroll tal-Fruntieri, kull meta s-servizzi tar-*Rapid Border Intervention* ikunu mitluba. Il-*pool*, li huwa ffurmat minn gwardji tal-fruntieri minn madwar l-istati membri kollha tal-UE, jista' jiġi jagħtu sehmu meta jkun hemm sitwazzjonijiet ta' natura urġenti u eċċezzjonali f'xi stat tal-Unjoni Ewropeja. Il-qagħda li fih kienet, u għadha l-Greċja, hu eżempju ċar ta' kif u fejn jista' jintuża r-*Rapid Team*.

Sintendi hu ovvju li wara risposta għall-ewwel mistoqsija, wieħed jistaqsi "Kif jintgħażlu l-membri tar-*Rapid Intervention Teams*".

Il-Membri tar-*Rapid Intervention Team* huma uffiċjali magħżula mis-servizzi tal-Immigrazzjoni u tal-Fruntiera tal-istati membri tal-UE. Il-kwalifiki bażiċi li jrid ikollhom huma diversi snin t'esperjenza fil-kontroll tal-fruntieri esterni u konoxxenza adekwata fil-lingwa l-Ingliża li hija l-lingwa li jikkomunikaw bejniethom biha waqt ix-xogħol dawn l-uffiċjali. Barra minhekk iridu jkunu kompetenti f'xi suġġetti relatat max-xogħol inkwistjoni bħal ma hu kontroll ta' moviment tal-fruntieri, sorveljanza tal-

fruntieri marittimi, tal-art u tal-ajru – livell avvanzat fil-kontroll ta'dokumenti – esperjenza ta' ***interviews*** dettaljati ta' persuni ta' pajjiżi terzi kif ukoll kapaċita' biex janalizzaw riskji u thedid. Sintendi barra minn dawn il-kwalifiki bażiċi hemm ukoll kapaċitajiet oħra li jistgħu jkunu ta' bżonn biex jiġi determinat il-kompożizzjoni tat-***team*** li jkun ser jiġi mwaqqaf għal skopijiet kif semmejna aktar il fuq f'dan l-artiklu.

Apparti dan, irid jingħad illi qabel dawn l-uffiċjali jintgħażlu biex jifformaw parti mit-*team*, dawn ikunu meħtieġa li jagħmlu korsijiet dettaljati barra min Malta li jiġu organizzati mill-Aġenzija Frontex. Dawn il-korsijiet ikopru l-aspetti varji ta' dak imsejjaħ ***Schengen Borders Code***, li hu kodiċi ta' referenza u li fih jinkludi tagħrif fuq kontrolli fi fruntieri, sorveljanza, ittimbrar ta' passaporti, tagħrif ta' kif jittieħdu stqarrijiet ta' persuni, referenzi għal ***databases*** u suġġetti oħra relatati ma' l-istess suġġett.

Malta għandha madwar ħmistax-il uffiċjal tar-***Rapid*** (minn madwar 700 li hemm mal-UE kollha). Dawn attendew it-taħriġ neċessarju u l-korsijiet meħtieġa, u wħud minnhom għamlu xogħol fi Stati Membri oħra biex wettqu eżerċizji kif kien meħtieġ. Madankollu, din kienet l-ewwel darba illi f'konformita' mar-Regolamenti tal-Frontex Membri tal-Pulizija tat-Taqsima tal-Immigrazzjoni minn Malta ntbgħatu biex ikunu parti mir-***Rapid Intervention Team***, kif issemma' aktar qabel f'dan l-artiklu.

Is-Surġent 1145 Dunstan Sammut u l-Kuntistabbli 1088 Claudio Izzi Savona ilhom parti mar-***Rapid Pool*** mill-bidunett li dan ġie mwaqqaf. Huma ntgħażlu, qablu u ġew aċċettati biex imorru l-Greċja bejn l-1 u l-24 ta' Novembru 2010, biex ikunu jistgħu iwettqu d-dmirijiet tagħhom billi jissorveljaw il-fruntiera ta' l-art f'pajjiż fejn l-influss ta' immigranti illegali kien fl-aqwa tiegħu u ċ-ċirkustanzi kienu eċċezzjonali fil-veru sens tal-kelma. Iż-żewġ uffiċjali ġew stazzjonati fiż-żona ta' Oristiada, fejn il-fenomenu tal-immigrazzjoni llegali kien fl-aqwa tiegħu.

Mal-wasla tagħhom fil-Greċja l-uffiċjali ngħataw indikazzjoni ċara tas-sitwazzjoni fil-pajjiż mill-Uffiċjali tal-Aġenzija Frontex u anke ttieħdu u ntwerew il-lokalitajiet fejn kienu ser iservu waqt dmirijiethom fejn kwantita' kbira ta' immigranti kienu qed jaqsmu illegalment min-naħa tat-Turkija għal Greċja.

PS Sammut u PC Izzi Savona mill-ewwel bdew bid-dmirijiet varji tagħhom ftit wara l-wasla. Huma għamlu r-ronda tagħhom fiż-żona allokata lilhom f'vetturi apposta, għamlu sorveljanza minn post-azzjonijiet mwaqqfa apposta li kienu f'għoli ta' ħames sulari. Barra minn dan qdew doveri ta' sorveljanza permezz ta' vetturi speċifikament attrezzati bit-***thermo video cameras*** kif ukoll għamlu diversi tfittxijiet għall-immigranti llegali skond il-ħtieġa li matul dan ix-xogħol waqfu diversi li kienu qasmu l-fruntiera llegalment. Meta dan kien jiġri huma kienu responsabbli li jeskortawhom lejn iċ-ċentru tal-kustodja. Fi ftit kliem iż-żewġ uffiċjali kienu tal-fehma li għalkemm ix-xogħol tagħhom kien iebes u ħafna drabi diffiċli f'dak li jirrigwarda l-kundizzjonijiet tax-xogħol, din kienet waħda mill-esperjenzi l-aktar interessanti fil-karriera tagħhom. It-tnejn li huma kellhom esperjenzi mal-Frontex fil-passat u l-esperjenza riċenti ta` PS Sammut kienet meta wettaq dmirijietu fl-Ajruport ta` Schiphol. Dakinhar kien intbagħat bħala ***Focal Point*** ġewwa dan l-ajruport fejn dam bejn mis-06 sas-26 ta' Settembru 2010.

Fl-4 ta' Frar 2011 waqt ċerimonja simbolika fl-uffiċċju tal-Kummissarju, s-Sur John Rizzo ppreżenta liż-żewġ kollegi b'ċertifikat t'apprezzament għax-xogħol li wettqu ġewwa l-Greċja. Iċ-ċertifikati ngħataw f'isem id-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Frontex is-Sur Ilka Laitinen. Waqt l-għoti taċ-ċertifikati, il-Kummissarju rringrazzja personalment lil PS Sammut u PC Izzi Savona għas-servizzi li wettqu fil-Greċja, liema servizzi kienu ta' importanza vitali fil-karriera tagħhom u li fuq kollox kien ta' ċertifikat li jagħmel unur lill-Korp tal-Pulizija kollu.

Minn hawnhekk nixtieq nieħu l-opportunita' nirringrazzja ż-żewġ uffiċjali f'isem l-uffiċjali kollha tat-Taqsima Speċjali tal-Pulizija.

CSAV NORASIA
LINER SERVICES

Weekly Fixed Day Services

EXPORTS
Far East - UK/North Continent
Arab Gulf - Adriatic

IMPORTS
Far East - India - Arab Gulf
Adriatic - West Med

Now there's even more from CSAV Norasia.
For Direct imports, exports and everything in between, call our sales desk on 2568 6553 or send an email to commercial@jripard.com

JRS
John Ripard & Son
(SHIPPING) LIMITED

*We put the whole world in your hands.*

FRANKS

BAYSTREET | ENERGY | MOSTA | PAOLA | PLAZA | ST. JOHN | TIGNE | TOPLINE | MIA

THE FRANKS WINE BOUTIQUE IS NOW ALSO OPEN AT THE PLAZA, LEVEL 1

WWW.FRANKS.COM.MT

FRANKS - THE ART OF LIVING BEAUTIFUL

AFFORDABLE MEDICINALS FOR A HEALTHIER LIFE



AUROBINDO | AVAILABLE FROM LEADING PHARMACIES

# Ġurnata tipika fl-Akkademja tal-Pulizija .....

Surġent Roberta Grima -CMRU

L-Akkademja tal-Pulizija dan l-aħħar snin saret tħaddan fiha bosta attivitajiet. L-attendenza ta' kuljum ta' Pulizija fi ħdana telgħa mhux ħażin u dan għall-fatt li riċentament l-attivitajiet li jsiru fl-Akkademja żdied.




Meta tkellimna mal-Ispettur Stephen Mallia, id-Deputat Kmandant, irrealizzajna kemm isiru attivitajiet differenti fl-Akkademja tal-Pulziija. Attivitatjiet li forsi mhux kulħadd jaf bihom u oħrajn li huma ovvji peress li bosta minna imorru ta' spiss.

Il-ġurnata fl-Akkademja tal-Pulizija tibda kmieni filgħodu bil-*fall-ins*. L-ewwel *fall-in* tkun dik tal-Pulizija ***trainees***. Din issir kmieni filgħodu sabiex ir-rekluti jibdew ġurnata mill-kors tagħhom; kors li huwa skedat idum sena. Matul dan il-kors, it-*trainees,* qed jiġu mħarrġa f'bosta suġġetti kemm dawk fiżiċi kif ukoll dawk akkademiċi. Matul dan il-perjodu huma jiġu ukoll stazzjonati f'bosta sez-zjonijiet u distretti sabiex ikollhom *first hand experience* tax-xogħol tal-Pulizija. Barra minn hekk ir-rekluti jattendu attivitajiet oħra, fosthom *training* l-SAG, *community work* f'taqsimiet volontarji kif ukoll *route-marches.*



Wara li r-rekluti jibdew il-jum tagħhom, isiru l-***fall-in*** tal-Pulizija li jattendu l-*in-service courses.* Il-Pulizija li jatten-du dawn il-korsijiet huma stazzjonati f'uffiċini, f'distretti, skwadri kif ukoll dawk il-Pulizija stazzjonati Għawdex.



Fl-Akkademja isiru żewġ tipi ta' ***in-service courses***: *training* fiżiku u *training* akkademiku. It-training fiżiku jin-kludi sparar, eżerċizzju fiżiku kif ukoll *unarmed combat.* Filwaqt li t-***training*** akkademiku jinvolvi fih lezzjonijiet li jsiru kemm minn fizzjali fil-Korp tal-Pulizija kif ukoll minn persuni li ġejjien minn entitajiet oħra bħal - Kummissjoni Persuni b'Diżabbilita`, l-Appoġġ u r-*Richmond Founda-tion.*



Il-kors tal-isparar, li jsir fir-***range*** tal-Akkademja stess, kien maqsum f'żewġ sessjonijiet. Fl-ewwel sessjoni grupp ta' Pulizija kienu jinsabu fil-parti ta' quddiem tar-***range*** fejn isir attwalment l-isparar. Hawnhekk, il-Pulizija kienu qed jingħataw l-ordnijiet mill-***instructor*** sabiex isir sparar responsabbli u b'dixxiplina u jiġu evitati nċidenti jew dizgrazzji. Fuq in-naħa ta' wara tar-***range***, kien għaddej taħriġ iktar teoretiku, fejn il-Pulizija kienu qed jitħarġu b'armi mingħajr munizzjoni. Il-Pulizija kienu qed jiġu murija movimenti u tattiċi differenti ta' kif wieħed għandu jispara.





F'parti oħra tal-Akkademja kien qed isir taħriġ ieħor. It-taħriġ fiżiku minn żewġ *instructors* beda billi l-ewwel saret *fall-in* u l-Pulilzija ġew ordnati sabiex jekk għandhom xi ġojjollerija jew arloġġi dawn jitneħħew sabiex ikun jista' jibda t-taħriġ. It-taħriġ kien jikkonsisti f'sessjoni ta' *push-ups* u *sit-ups* li jsiru f'repetizzjoni kontinwa. Fl-aħħar tat-taħriġ il-Pulizija li kienu preżenti għat-taħriġ ġew *briefed* fuq kif marru waqt it-*training*.

Intant, fil-bitħa wara *l-parade ground l-unarmed combat* kien għaddej. L-*unarmed combat* huwa definit bħala 'ġlied' li jsir mingħajr armi li jsir minn aspett militari. Għalkemm fl-***unarmed combat***, il-'ġlied' isir mingħajr armi, ġieli jagħti l-każ li l-użu tal-armi jkunu permessi. Dan it-tip ta' taħriġ jintuża' madwar id-dinja kollha u minn diversi forzi militari. Waqt dan it-***training***, il-Pulizija jiġu mħarrġa f'eżerċizzji u tattiċi li jistgħu jiġu użati waqt ix-xogħol tal-Pulizija bħal arresti u skorti.

Ftit 'il bogħod mill-*unarmed combat* bdew jiġu mħarrġin erba' Pulizija ġodda sabiex dawn ikunu parti mis-*Silent Drill Team*. Taħt l-kmand tal-Ispettur Mallia, il-Pulizija bdew jippruvaw il-movimenti bir-*rifles* tipiċi tas-*Silent Drill*.

Grupp ieħor ta' Pulizija, din id-darba bl-uniformi, kienu preżenti l-Akkademja sabiex jattendu għal-lezzjonijiet. Il-lezzjoni li konna preżenti għaliha kienet dik mid-Dipartiment tal-Investigazzjonijiet Kriminali fejn l-Ispettur Anthony Portelli kellu t-tema tal-vittmi għall-lezzjoni. Il-Pulizija ġew mgħarrfa dwar diversi aspetti mis-suġġett tal-vittimoloġija, fosthom l-importanza li għandha nagħtu lil dawn il-persuni, kif ukoll kif vittma għandha tiġi protetta u x'***approach*** għandna nieħdu aħna bħala Pulizija. Waqt l-ispjegazzjoni tiegħu l-Ispettur Portelli semma' diversi tipi ta' reati li jġu rrappurtati lill-Pulizija sabiex jingħataw eżempji ta' kif it-teoriji li kienu qed jitgħallmu jistgħu jitpoġġew fil-prattika.

Attivita` oħra li kienet għaddejja fl-Akkademja kienet żjara minn skola sekondarja tas-subien fi ħdan il-Kulleġġ San Injazju. Waqt żjarat ta' dan it-tip, l-istudenti l-ewwel jattendu *presentation fil-lecture room,* fejn jiġu nfurmati dwar il-kwalifiċi neċessarji sabiex wieħed ikun jista' japplika għall-Pulizija, kif ukoll dwar id-doveri tal-Pulizija u punti oħra ta' interess għalihom. Wara l-preżentazzjoni, l-istudenti jittieħdu għal żjara madwar l-Akkademja.

Wara dawn l-attivitajiet kollha li seħħew biss matul in-nofs ta' nhar ta' filgħodu reġa' wasal il-ħin għal *fall-in* oħra. Issa kien imiss dik tal-*in-service courses* li jsiru filgħaxija. L-istess bħal ma' jsir għall-Pulizija ta' filgħodu terġa' tibda rutina oħra għal dawk l-uffiċjali tal-Korp li jattendu l-lezzjonijiet jew it-*training* filgħaxija. Il-ġurnata ma tispiċċax meta jispiċċa l-*in-service,* għax wara dan jibdew il-lezzjonijiet tal-*officer cadets.* B'tul ta' madwar erba' xhur, Pulizija kif ukoll persuni pajżana, jattendu għal diversi lezzjonijiet sabiex jilħqu l-grad ta' Spettur.

Fl-akkademja ma jsirux biss dawn l-attivitajiet li għadna kif semmejna, iżda jsiru bosta oħrajn li ma konniex preżenti għalihom. Fost dawn insibu *filming* li jsiru minn żmien għal żmien. Infatti fl-Akkademja sar *filming* kemm għal produzzjonijiet ta' drammi Maltin, *films* barranin kif ukoll għal *video clip* ta' waħda mid-diski relatata mal-*Eurovision Song Contest*.

M.I.L
Metal Innovations Limited



Sheet Metal
Sand Blasting
Spray Painting
Iron Works
Galvanizing

Triq il-Birrerija,
Industrial Estate,
Mriehel B'Kara
BKR 3000

Tel: 2148 0007 Mob: 9949 0531
Fax: 2144 5679
Email: mil@maltanet.net

WÜRTH

**Würth Ltd.**
Würth House • Triq il-Masgar • Qormi QRM 3217

T 21 494604, 21 443035 • F 21 441081
sales@wuerth.com.mt • www.wuerth.com.mt



il camino
Fireplaces

Don't freeze this winter, choose from a range of beautiful fireplaces designed to suit all tastes and pockets and you'll find yourself rushing back home on those cold winter days ... and enjoying it! Functionality and quality are guaranteed by the largest European company in the Fireplaces and Stove sectors "**Edilkamin**".



Indoor / Outdoor Barbeques & Ovens

An outdoor barbeque which can also incorporate a wood burning oven makes cooking fun when the weather is kind. "**Edilkamin**", however, also have a range of indoor wood burning ovens which can even be connected to domestic gas. So why not start cooking and entertaining friends indoors or outdoors in a relaxed and enjoyable atmosphere?

**MODERN BATHROOMS LTD.** 48/49,Fleur-de-Lys Road, B'Kara.Tel: 2144 1689, 2149 5726 Mob: 7988 8999 Fax: 2149 7097 Email: ilcamino@keyworld.net
Website: www.starwebmalta.com/camino.htm





Il-bini tal-Akkademja ukoll iġib miegħu attivita` oħra għal Akkademja peress li din tinsab f'bini ta' importanza storika kbira għal pajjiżna. Diversi persuni minn diversi entitajiet iżuru l-Akkademja propjament għal dan l-aspett.

Ma nistgħux ninsew lanqas li hawnhekk isiru *rehearsals* kemm mill-Banda tal-Pulizija, kemm mis-*Silent Drill Team* kif ukoll mill-*Guard of Honour.*

Dan ix-xogħol kollhu li jsir l-Akkademja jirrikjedi ammont kbir ta' *paper work,* xogħol li għalkemm ħafna ma jaħsbux li huwa mportanti, dan fir-realta` huwa parti essenzjali mill-ġurnata kemm għal importanza tiegħu kif ukoll għal ammont ta' ħin li jieħu.

*Fl-aħħarnett nixtiequ nirringrazzjaw kemm lill-istaff amministrattiv tal-Akkademja kif ukoll lill-instructors tal-ospitalita` tagħhom waqt li kien qed jinkiteb dan l-artiklu. Grazzi oħra tmur għal dawk il-Pulizija li għalkemm jaħdmu l-Akkademja ma tantx jissemmew – il-Pulizija tal-guard duties, dawk tal-canteen kif ukoll tal-maintenance.*




TILES & BATHROOM CENTRE
435, St. Joseph High Road,
St. Venera, SVR1013, Malta.
tel: 21440202 | 21449641 fax: 21482849
email: sales@carinibathrooms.com
www.carinibathrooms.com
carini
STORES LTD.


SMART LIGHT
systems co.ltd
TURN ON THE LIGHT
SWITCH TO SMARTLIGHT
90X40mm Rectangular Spot
Consumption 1.5 Watts
83mm Spot
Consumption 3.5 Watts
Contact us on info@smartlightsystems.com to set up a free consultation and ideas session to discuss your lighting requirements and start enjoying great savings today.
Showroom:
Xtreme, 430 Fleur de Lys, B'kara.
T: (356) 2144 3229 M: (356) 7900 7152
Visit www.smartlightsystems.com or call us today.


Horvin
Aluminium Ltd
ALUMINIUM SPECIALISTS
MOVIGLASS
Manufacturers of:
• ALUMINIUM ROLLER SHUTTERS FOR HOME WINDOWS AND DOORS
• ALUMINIUM GARAGE DOORS, ROLLERS AND CEILING SYSTEMS
• ALUMINIUM APERTURES
• SECURITY MAIN DOORS
• PVC APERTURES
• ALUMINIUM WITH THERMAL INSULATION
Croci
somfy
Horvin Ltd, A42, Industrial Estate, Marsa
T: 2122 6320
F: 2122 7196
M: 9989 1800
E: horvin@waldonet.net.mt
W: www.horvin.eu




PERONI
ITALY

S.RAUSI
Trading Limited
www.srausi.com

Stadium Street, Gzira GZR 1301 Tel: (+356) 2133 0447 Fax: (+356) 2133 6952 E-mail: info@srausi.com




A SPECIALISED CARGO SERVICE
WITH AN EYE FOR DETAIL

Cassar & Cooper Freight Services offers several specialised cargo services and niche logistics solutions.

CASSAR & COOPER
YOUR PARTNER IN QUALITY & EXCELLENCE
25, Air Cargo House, Triq Ġanni Vassallo, Luqa
T: +356 2558 4803
E: logistics@cassar-cooper.com • www.cassar-cooper.com



CAVALIERI
HOTEL ★★★★

AT THE HEART OF MALTA'S
PRIME HOLIDAY RESORT



The Cavalieri is a four star hotel set in a quiet and unique location directly overlooking the popular and picturesque St.Julians Bay. The hotel is also located on the doorstep of the Portomaso Yacht Marina and within easy walking distance to the popular resort's attractions. Sitting on the water's edge, the hotel has its own private lido with a large outdoor swimming pool as well as an indoor swimming pool heated between November and April. All 258 guest rooms are tastefully decorated and are all furnished with queen sized beds, with most rooms having balconies where guests may enjoy the open sea views.



**A hotel for all seasons,** The Cavalieri offers a variety of high quality dining and catering options including buffet-style, al fresco dining and a lounge bar offering platters, fine wines and cocktails that will undoubtedly appeal to customers of all generations.

WATER'S EDGE, SPINOLA ROAD, ST JULIAN'S
TEL: +356. 2318 0000 | EMAIL: info@cavalierihotel.com.mt
www.cavalierihotelmalta.com

# Il-Prevenzjoni tar-Reati u l-Pulizija tal-Prossimita'

Dr A. Licari

Bħal f'kull professjoni oħra, il-membri tal-Korp tal-Pulizija għandhom id-dritt għall-orgolju u s-sodisfazzjon fil-ħidma tagħhom. Kulħadd jaf li, biex tkun membru tal-Korp irid ikollok sens ta' ġustizzja, enerġija, paċenzja u determinazzjoni aktarx iżjed minn ħafna professjonijiet oħra. Allura hu ġust li dan ix-xogħol iżjed impenjattiv minn ħafna impjiegi oħra jistħoqqlu "*job satisfaction*" ċertament mhux inqas minn ħidmiet oħra.

Nixtieq nissuġġerixxi li parti minn dan is-sodisfazzjon jista' jiġi mis-suċċess tal-pulizija fl-inizjattivi ta' prevenzjoni li jieħdu. Il-prevenzjoni li diġa' jipprattikaw il-pulizija hi apprezzata mill-parti l-kbira tal-popolazzjoni. L-Ingliżi jgħidu: «*Prevention is better than cure*» Nixtieq ingħid li l-istess prevenzjoni tagħti lill-pulizija stess, forsi anki iżjed milli tagħti lill-pubbliku, sodisfazzjon fix-xogħol tagħhom speċjalment għax mhux biss ikunu investigaw u solvew reat, iżda jkun irnexxielhom jevitaw reati li lanqas biss ikunu twettqu. Ta' min iżid li, permezz tal-prevenzjoni, ikun iktar faċli li kriminal prospettiv jiġi riformat minn dak jew dik li jkunu laħqu ikkommettew reat.

Hawnhekk nixtieq insemmi sistema li fil-prattika ħadmet f'diversi pajjiżi, inklużi Franza u l-Kanada, u li ta' min jikkonsidra l-introduzzjoni tagħha f'Malta. Din hi dik li tissejjaħ «*Police de Proximité*» jew «Pulizija tal-Prossimita'» li kellha suċċess bħala esperiment għal numru ta' snin u li ħafna llum jixtiequ jerġgħu jarawha tiġi ntrodotta.

Is-sistema tal-Pulizija tal-Prossimita' ħadmet fi Franza mill-1998 sal-2003. X'kien l-iskop ta' din is-sistema? Dan kien prinċipalment it-titjib tal-immaġni li l-pubbliku għandu tal-pulizija b'tali mod li, minn punto di vista tal-kriminal prospettiv, wieħed jiddejjaq iġib ruħu b'mod li se jiskomda u jirrita lill-uffiċjali tal-ordni pubbliku jekk dawn igawdu reputazzjoni tajba mal-pubbliku. It-tieni nett, din ir-reputazzjoni tajba tħajjar iżjed lill-membri tal-pubbliku li jikkoperaw mal-membri tal-korp fejn tidħol iż-żamma tal-ordni għax hekk ikun jaqbel għall-armonija u l-paċi ta' kulħadd. It-tielet hu l-fatt li b'riżultat tal-ewwel u t-tieni raġunijiet t'hawn fuq, jitjieb is-sodisfazzjon u l-orgolju tal-membri tal-Korp fl-impjieg tagħhom.

Naħseb li ftit huma dawk li ma jarawx skop pożittiv fl-idea msemmija hawn fuq. Hemm bżonn, madankollu, li wieħed jiddeskrivi u jispjega l-metodoloġija ta' din is-sistema biex wieħed jara jekk l-amministrazzjoni tal-Korp u l-Ministeru tal-Intern jitħajjrux jutilizzawha f'Malta.

L-ewwlnett wieħed irid ikun lest li jeżamina totalment il-benefiċċju ta' din is-sistema anki jekk fil-bidu tinvolvi iżjed spejjes minn dawk minfuqin bħalissa fejn jidħol il-Korp. Imma wieħed m'għandux jgħaġġel u jgħid "Ma nistgħux naffordjaw iżjed nefqa u allura ma nistgħux nikkonsidraw din is-sistema." Dan għaliex wieħed irid jara r-riżultat globali aħħari li, wara kollox, iwassal għal inqas spejjes għall-Istat. Għaliex? Nagħti biss tliet eżempji. Veru li l-Istat jonfoq ħafna flus fil-faċilitajiet korrettivi bħala salarji, organizzazzjoni u manutenzjoni tal-post? Veru li l-Istat jonfoq ħafna flus fil-faċilitajiet mediċi bħala riżultat ta' ġlied, ferimenti, awtopsji eċċ? Veru li l-Istat jonfoq ħafna flus fil-faċilitajiet psikoloġiċi u psikjatriċi bħala riżultat ta' kunflitti fil-familji? Allura jekk is-sistema tal-Pulizija tal-Prossimita' tnaqqas dawn l-ispejjes kollha, ma jagħmilx sens li l-Istat jonfoq xi ħaġa bħala investiment, ċioe'jonfoq ftit u jiffranka ħafna?

Is-sistema tal-Pulizija tal-Prossimita' tfisser li f'kull belt u raħal fejn hemm għassa tal-pulizija, ikun hemm membru tal-korp li jaf iż-żona tajjeb ħafna u jaf ukoll l-organizzazzjonijiet tal-post kif ukoll lil ħafna minn nies tal-post. Dan il-pulizija ikun spiss fid-diversi strutturi tal-belt jew raħal u jisma' u jitħaddet ma' kulmin jixtieq jagħmel xi lmenti jew suġġerimenti. Kultant jgħin ukoll fejn tidħol l-organizzazzjoni ta' attivitajiet sportivi. Ħafna drabi in-nies igergru mingħajr ma jkunu jafu l-affarijiet

sew. Dan il-pulizija tal-prossimita' jisma', jispjega u jieħu nota. Tgħiduli mela dan il-pulizija ikollu rwol ta' pulizija kumbinat ma' ħaddiem soċjali ? Fil-fatt hekk hu.

Jekk sistema ta' dan it-tip tiġi ntrodotta, kemm tiswa spejjes inizjali lill-istat ? Ngħid "inizzjali" mhux għax ikun hemm ukoll spejjes ulterjuri, imma għaliex ikun hemm fil-fatt iffrankar ta' spejjes ġenerali kif semmejt hawn fuq. Ħalli ngħidu li pulizija ta' dan it-tip ikun hemm bħala minimu wieħed ibbażat f'kull għassa. Jekk timmoltiplika salarju ta' pulizija man-numru ta' għases, dan l-ammont jiġi ftit egħxieren ta' eluf ta' ewro fis-sena. Issa paragunati mall-ispejjes li jiġu ffrankati mill-problemi tas-soċjeta' imnaqqsin minn din is-sistema, fil-fatt jirriżulta li l-istat ikun għamel profitt finanzjarju u soċjali.

L-istatistika titkellem waħedha dwar ir-riżultat ta' din is-sistema f'pajjiżi fejn ġiet introdotta. F'Pariġi fl-1999, allura sena waħda biss wara l-introduzzjoni ta' din is-sistema, iż-żieda fis-sentiment ta' sigurta' li esprimew iċ-ċittadini żdiedet minn 79% għal 85% - li hi qabża relattivament kbira f'sena waħda biss. Issa jekk inħarsu lejn riżultat pożittiv wieħed biss ta' dan, ċioe' li n-nies jafdaw iżjed lill-pulizija, ikollok ħafna inqas ċittadini li jieħdu l-liġi b'idejhom - apparti mir-riżultati pożittivi oħra li semmejt hawn fuq. U, kif nafu, tant reati jiġu kommessi għax min jikkommettihom jgħid li ma kellux soluzzjoni oħra, jew ma kellux fiduċja li l-forzi tal-ordni jsolvulu l-problema li tkun ilha tirritah.

Is-sistema tal-Pulizija tal-Prossimita' għandha tiġi kkunsidrata peress li t-titjib li ġġib magħha hu tant vast – kemm fl-orgolju u s-sodisfazzjon fix-xogħol tal-pulizija, kemm fl-ispejjes tal-pajjiż kif ukoll fis-serenita'u s-saħħa fost il-popolazzjoni.





Ristorante
COSMANA NAVARRA

Just opposite St.Paul's Grotto and main church in Rabat.

Ristorante Cosmana Navarra is situated in Rabat, just opposite St. Paul's church. The history behind this magnificent building is a long standing one and now converted to a townhouse restaurant, one of the many features is a traditional balcony ideal for romantic dining.

St.Paul's Street, Rabat, Malta
Tel: 2145 0638
Email: cosmananavarra@onvol.net

www.cosmana.com


Philip Agius & Sons Ltd.
TA'MAKSAR • CONTRACTORS
The Plant, Mdina Road, Zebbug ZBG 4103, Malta.
email: info@maksar.com
Tel: 21 465 758 - Fax: 21 463 836 - Mob: 99 493 551
• Construction & Complete Installation of Sports Facilities including supply of Artificial Turf
• Suppliers of Ready Mix Concrete
• Suppliers of Recycled Material
• Civil Engineering Works
• Excavation Works
• Road Works
Customer Satisfaction Guaranteed


G+M
The Hardware Professionals
GALDES&MAMO
Galdes&Mamo Ltd.
GM House, Valley Road,
B'Kara BKR 9025, Malta
galdesandmamo.com.mt
(+356) 21 487584
Electric Polisher
Chain Blocks
6 lt Air Compressor + Kit
3 ton Trolley Jack
Welding


PARKWELL
Parking & Traffic Management Solutions
Parkwell International specialises in:
▪ Technical and financial consultancy at a preconstruction stage.
▪ Revenue sharing and partnerships with strategic partners, land owners and local authorities.
▪ The supply, installation and service of car park management systems, barriers, bollards, speed ramps, one way ramps, electronic signage, high speed car park doors, on-street parking meters, Pay & Display machines, ANPR and mobile phone parking systems.
▪ The provision of security guard teams to manage car park sites, Park & Ride services and special events.
Please visit our website and contact us for further details.
PARKING METERS
CAR PARK MANAGEMENT EQUIPMENT
PAY & DISPLAY METERS
SMS PARKING
MODULAR CAR DECKING
AUTOMATED BOLLARDS
SAFE CAR PARK HIGH SPEED DOORS
CAR PARK GUIDANCE SYSTEMS
TRAFFIC MANAGEMENT PRODUCTS
PARK LOCKS
WHEEL CLAMPS
RUBBER & ONE WAY RAMPS
www.parkwell.com.mt
99, Mill Street, Qormi - QRM 3100 Tel: +356 2278 5600 - Mob: +356 9920 1000
Fax: +356 2148 5478 - Email: markjattard@parkwell.com.mt

# L-40 Konferenza Reġjonali Ewropea tal-INTERPOL MALTA, 11 sa 13 ta' Mejju 2011




Christopher Galea Scannura - Spettur - INTERPOL




## Introduzzjoni

L-Organizazzjoni Internazzjonali tal-Pulizija Kriminali magħrufa bħala l-INTERPOL torganizza diversi laqgħat u attivitajiet oħra annwali. Xi wħud minn dawn l-attivitajiet huma kruċjali għal tmexxija ta' din l-organizzazzjoni. L-attività l-aktar importanti li fiha jittieħdu deċiżjonijiet kruċjali għal Interpol, hija l-Assemblea Ġenerali. Warajha hemm il-Konferenzi Reġjonali għal kull wieħed mill-erbgħa reġjuni tal-Għaqda. Malta tagħmel parti mir-Reġjun tal-Ewropa.

Fid-39 Konferenza Reġjonali Ewropea li saret ġewwa Budva, fil-Montenegro, bejn is-26 u t-28 ta' Mejju 2010 wara offerta li għamlet Il-Pulizija Maltija, kien ġie deċiż mill-maġġoranza assoluta tal-pajjiżi preżenti illi l-40 Konferenza għas-sena 2011 kellha ssir ġewwa Malta. L-għażla kienet bejn Malta u l-Albanija.

Ta' min jinnota illi din il-Konferenza ħabtet eżatt 25 sena wara li l-istess Konferenza kienet saret f'Malta fl-1986. Fil-fatt sa qabel dik is-sena, il-Konferenza Reġjonali Ewropea kienet issir fil-Kwartieri Ġenerali tal-INTERPOL ta' dak iż-żmien ġewwa St. Cloud fi Franza, għax kien fl-1989 li l-Interpol stabbilit il-kwartieri ġenerali ġodda tagħha f'Lyon, Franza. Għaldaqstant ta' min wieħed jirrimarka illi kienet fuq inizjattiva ta' Malta fis-snin tmenin illi din il-Konferenza ħarġet mill-kwartieri Ġenerali u bdiet issir kull sena f'pajjiż differenti.

F'dawn l-aħħar snin reġgħet nibtet l-idea illi din il-Konferenza terġa' ssir ġewwa Malta. Waqt is-77 Assemblea ġenerali tal-INTERPOL li saret ġewwa r-Russja fl-2008 dil-proposta kienet ippreżentata uffiċċjalment mill-Kummissarju tal-Pulizja, is-Sur John Rizzo u l-Assistent Kummissarju, is-Sur Andrew Seychell, Kap tal-Interpol ta' Malta, lis-Segretarju

Ġenerali tal-INTERPOL, is-Sur Ronald K. Noble. Il-proposta kienet tirrigwardja l-organizzazzjoni għas-snin li ġejjin. Għall-2009 kien diġà deċiż illi ssir f'San Marino waqt li għall-2010 kien hemm diġà l-Montenegro qed tipprepara biex torganizzaha. Dawn iż-żewġ pajjiżi kienu saru membri tal-Interpol riċentament. Għaldaqstant kollox beda jindika illi ċ-ċans li kellha Malta kien għall-2011. Din il-proposta li Malta torganizza l-Konferenza reġgħet tqajment waqt żjara minn uffiċċjali tal-INTERPOL f'Novembru 2009, waqt laqgħa li dawn kellhom mal-Kummissarju.



Biex torganizza l-Konferenza fl-2011, Malta kellha kompetizzjoni mill-Albanija. Għaldaqstant kellha ssir votazzjoni fejn ġie deċiż li l-Konferenza ssir ġewwa Malta.



### L-organizzazzjoni tal-Konferenza

Konferenza nternazzjonali bħal din trid ħafna preparamenti b'ammont kbir ta' ħin, dedikazzjoni u riżorsi umani u finanzjarji. Immedjatament wara li sar magħruf illi l-Konferenza ser ssir Malta, twaqqaf kumitat apposta biex jara illi l-affarijiet isiru sewwa u bi protokol stabilit li ħejjiet l-Interpol għal laqgħat bħal dawn.. Dal-kumitat kellu ko-ordinazzjoni kontinwa ma' uffiċċjali tal-INTERPOL għal xhur twal. Kien hemm ukoll ko-ordinazzjoni kontinwa ma awtoritajiet u sorsi oħra li kienu ser jagħtu xi tip ta' servizz jew assitenza waqt din il-konferenza. F'kelma waħda x-xogħol li kien qed isir biex il-konferenza tkun ta' suċċess biex jintlaħqu il-bżonnijiet loġistiċi u tekniċi u kif ukoll arranġamenti għall-programm soċjali għad-delegati, beda min żmien qabel biex din l-attivita setgħet tkun suċċess.



### Il-Konferenza

Madwar 150 rappreżentant mill-pajjiżi Ewropej u sittax-il organizzazzjoni nternazzjonali, fosthom EUROPOL u FRONTEX, ħadu sehem f'dil-konferenza bil-ħsieb li jindirizzaw l-azzjoni kollettiva tal-Ewropa kontra l-kriminalità transnazzjonali. Fit-tlett ijiem tal-konferenza, mil-11 sat-13 ta' Mejju 2011, ġew trattati diversi aspetti ta' kriminalità, li jinkludu t-terroriżmu, l-kriminalità organizzata, t-traffikar ta' drogi, t-traffikar ta' bnedmin, u l-piraterija marittima. Fid-diskussjonijiet dwar dawn, ġiet ikkonsidrata l-ko-operazzjoni bejn l-INTERPOL u l-Unjoni Ewropea biex jaraw kif jistgħu jegħlbu dawn l-isfidi.












Il-konferenza infetħet fil-11 ta' Mejju, 2011 b'indirizz tal-President tal-INTERPOL, Khoo Boon Hui. Dan qal li l-konferenza kienet okkażjoni biex issaħħaħ l-għaqda vitali bejn il-komunità Ewropea li tinforza l-liġi u l-kumplament tad-dinja, u li trid tkabbar l-abbiltà tal-INTERPOL biex "tħares lejn kriminalità speċifika tar-reġjun u tħassib dwar is-sigurtà minn lenti globali". Hu qal illi konferenza kienet qed issir meta kienu qed jitwettqu ġrajjiet u tibdiliet politiċi fid-Dinja Għarbija, b'influss ta' immigranti ekonomiċi u politiċi, li jista' jkollhom implikazzjonijiet soċjali u ta' sigurtà fuq bosta pajjiżi fosthom Malta, kif ukoll il-pajjiż Ewropew l-aktar dawk qrib ta' dawn il-pajjiżi tal-Afrika ta' Fuq. Semma wkoll il-mewt ta' Osama Bin Laden u qal li dawn il-fatti għandhom il-potenzjal li jheddu s-sigurtà tal-Ewropa. Is-Sur Khoo irrimarka li organizzazzjonijiet kriminali ser ikomplu japprofittaw ruħhom minn dawn is-sitwazzjonijiet u attentati ta' attakki terroristiċi ser ikomplu mad-dinja kollha. Għalhekk hemm il-ħtieġa ta' ħidma kollettiva mill-pulizija. Hu qal "Il-ġlieda kontra l-kriminalità llum teħtieġ li aħna nħarsu lil hinn mill-fruntieri nazzjonali tagħna".

Il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern, Dr Carmelo Mifsud Bonnici, fid-diskors prinċipali tiegħu fakkar li sena oħra Malta jkollha l-40 anniversarju tas-sħubija tagħha fl-INTERPOL u ddeskriva n-netwerk globali tal-INTERPOL bħala l-mexxej ewlieni tal-ko-operazzjoni nternazzjonali kontra l-kriminalità. Hu qal li l-konferenza kienet opportunità vitali biex tindirizza diversi punti mportanti bħall-immigrazzjoni illegali u t-terroriżmu. Il-Ministru qal illi "Il-konferenza ser tagħti kontribut importanti biex titkabbar il-ko-operazzjoni kontra l-kriminalità transnazzjonali fl-Unjoni Ewropea".

Hu fakkar kif ir-repubblika żgħira ta' Malta sabet ruħha f'nofs il-kriżi tal-immigrazzjoni wara l-inkwiet li nqala' fl-Afrika ta' Fuq. Fl-aħħar sitt ġimgħat biss Malta laqgħet eluf ta' persuni li ġew iffittxu l-asil mir-reġjun tal-Afrika ta' fuq. F'dis-sitwazzjoni, l-prospett ta' ko-operazzjoni bejn FRONTEX u l-INTERPOL hu punt pożittiv li jindika s-solidarjetà tal-INTERPOL. Il-Ministru fakkar ukoll diversi inizjattivi biex isaħħu l'ħidma tal-pulizija Maltija fosthom l-akkwist ta' apparat ġdid biex janalizza d-DNA u ieħor biex jidentifika l-marki tas-swaba' *(Automatic Fingerprint Identification System – AFIS).*

Is-Sur Ronald K. Noble, Segretarju Ġenerali tal-INTERPOL, irringrazzja lill-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur John Rizzo, għall-ospitalità u l-organizzazzjoni mill-aqwa tal-konferenza. Hu fakkar kif Malta, għalkemm gżira żgħira, hi pont ta' kulturi u fl-istess ħin illum tinsab fuq il-fruntiera ewlenija tal-moviment ta' immigranti u nies li qed ifittxu l-asil f'pajjiżi Ewropej. Dan ifisser sfida għall-immaniġġar tal-fruntieri u l-politika ta' immigrazzjoni li trid tiġi ndirizzata. Hu rrefera wkoll għall-ħtieġa li kulħadd irid joqgħod attent għal theddid ta' attakki terroristiċi, piraterija marittima u traffikar tal-kokaina, u l-importanza li trid tingħata lit-tkabbir u żvilupp ta' koperazzjoni bejn organizzazzjonijiet bħall-INTERPOL, l-EUROPOL u l-UNODC u pajjiżi konċernati biex jgħaddu informazzjoni lil xulxin.






Is-Sur Noble emfasizza l-ħtieġa ta' sħubija anke mas-settur privat fl-istrateġija tal-INTERPOL. Semma kif ftit ġranet qabel il-konferenza sar ftehim bejn l-INTERPOL u l-FIFA fejn din l-għaqda dinjija tal-futbol qed tagħti €20 miljun fi żmien 10 snin biex tinħoloq taqsima ta' taħriġ kontra l-korruzzjoni fil-Kumpless Globali tal-INTERPOL ġewwa Singapore.

## Programm Intensiv




Il-programm intensiv tal-konferenza kien jinkludi diskussjonijiet u rapporti minn ħames panels ta' esperti dwar kif l-INTERPOL qed tindirizza l-isfidi tal-kriminalità organizzata. Rigward sigurtà nternazzjonali, ngħata tagħrif dwar kif l-NCB ta' Londra qed tipprepara għal-Logħob Olimpiku tal-2012 waqt li l-Ukrajna qed tħejji għall-*European Football Championship 2012*. F'dak li għandu x'jasam mal-Unjoni Ewropeja, r-rapporti ffukaw fuq is-sigurtà interna, l-immigrazzjoni fil-Mediterran, u l-ko-operazzjoni bejn l-Unjoni Ewropeja u l-INTERPOL dwar bdil ta' informazzjoni u l-immaniġġar ta' kriżi ċivili. L-Eċċellenza Tiegħu Jean Pierre Mazery, Gran Kanċillier tal-Ordni ta' San Ġwann ta' Malta, ukoll għamel diskors dwar kif l-Ordni hi suġġetta għal-liġi nternazzjonali.



Saru diversi preżentazzjonijiet dwar programmi speċifiċi dwar kif l-INTERPOL qed tindirizza sfidi ta' kriminalità organizzata bħall-produzzjoni ta' mediċini foloz, piraterija, terroriżmu u *cyber-crime*. Ingħata tagħrif dwar ħidma kontra l-

kriminalità organizzata fix-Xlokk tal-Ewropa u r-reġjun tal-Baħar Baltiku. Waqt li rappreżentanti ta' diversi pajjiżi, fosthom Malta, taw tagħrif dwar esperjenzi tagħhom fil-konfront ta' kriminalità partikulari, is-Supretendent Paul Caruana tkellem dwar is-*Cyber-Crime* u l-impatt ta' theddida globali fuq Stat Gżira. Fid-diskussjoni finali saret analiżi ta' kemm qed ikunu effettivi l-għodod u s-servizzi tal-INTERPOL, bħal bdil ta' informazzjoni, l-Infopolex, il-kwalità ta' data fid-*databases* tal-INTERPOL, il-FASTID *(Fast and Efficient International Disaster Victim Identification System)* u l-bdil ta' tagħrif dwar marki tas-swaba' (*Fingerprint Exchange across the EU – FEEU*), fir-reġjun tal-Ewropa. Ġew ittratti wkoll aspetti legali li jirrigwardaw l-INTERPOL u miżuri meħtieġa biex isaħħu l-ħidma tagħha.




Is-Sur John Rizzo, Kummissarju tal-Pulizija, għalaq il-konferenza b'indirizz lid-delegati. Huwa radd ħajr għall-ħidma tal-INTERPOL u x-xogħol li twettaq f'dil-konferenza. Irringrazzja lid-delegati kollha li attendew u spiċċa billi rringrazzja lil kulmin ħadem biex din tkun tassew suċċess.

Min-naħa tal-parteċipanti, minkejja l-laqgħat impennjattivi, kien hemm ħafna kliem ta' apprezzament u kuraġġ għal mod kif il-Pulizija Maltija daħlet għal din l-isfida u organizzat il-konferenza b'għaqal u professjoni. Huma wkoll urew l-apprezzament tagħhom għall-programm soċjali li kien tħejja għalihom.



# Sponsorships għall-40 Laqgħa Ewropeja tal-Interpolli saret f'Malta bejn il-11 u t-13 ta' Mejju 2011

Nhar it-Tnejn 9 ta' Mejju 2011, saret ċeremonja qasira fl-Uffiċċju tal-Kummissarju, għal numru ta' entitatijiet li għoġobhom jagħtu sponsorship lill-Korp għall-40 Laqgħa Ewropeja tal-Interpol li saret f'Malta bejn il-11 u t-13 ta' Mejju 2011.



L-entitajiet li taw sponsorship huma dawn:

- APS Bank
- Bank of Valletta
- Mediterranean Conference Centre MCC
- Mediterranean Bank
- Malta International Airport
- Malta Tourism Authority u
- Paramount Garage, Mosta

F'kelmtejn tal-okkazzjoni, il-Kummissarju rringrazzja lir-rapprezentanti ta' dawn l-entitajiet u qal li huwa japprezza l-għajnuna li dawn taw lill-Korp li b'impenn daħal sabiex jorganizza laqgħa reġjonali polizjeska ta' daqshekk importanza. Fost affarijiet oħra, huwa qal li din hija t-tieni darba li Malta se-jra zzomm din il-laqgħa f'pajjiżna u għaldaqstant minħabba n-numru kbir ta' delegati li kienu mistennija jiġu Malta, jixraq li kif inhu mistenni, dawn jingħataw merħba xierqa u li l-organizzazzjoni u l-loġistika li tħejjiet għal din l-attivita' tirnexxi perfettament sabiex il-laqgħa tkun ta' suċċess għal kulħadd.

Il-Kummissarju ippreżenta wkoll, bħala turija ta' radd il-ħajr, tifkira żgħira lil kull rappreżentant li kien preżenti.



# Parteċipazjoni tal-Pulizija Maltija fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-159 Anniversarju mit-twaqqif tal-Polizia di Stato tal-Italja.

Spettur Anthony Agius Mobile Squad






Din is-sena bħal ma ġara dawn l-aħħar seba' snin, il-*Polizia di Stato* reġa' stieden membri mill-Korp tal-Pulizija Maltija sabiex jieħu sehem attiv fiċ-ċelebrazzjojiet ta' din is-sena. Il-Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo rabat din l-okkazzjoni mal-prassi li jibgħat Pulizija li jkunu ddistingwew ruħhom fuq il-post tax-xogħol. Din is-sena attendew ħames pajjiżi li kienu l-Portugal, Spanja, l-Awstrija, u r-Rumanija, u s'intendi Malta.

Din is-sena l-Korp tal-Puliziija Malti kien rappreżentat mill-Ispettur Tony Agius u mill-Kuntistabblijiet 869 Kurt Gauci u 265 Kenneth Ciangura, li huma stazzjonati l-Iskwadra Mobbli. Dawn iż-żewġ Pulizija kienu ngħataw il-mertu tal-Pulizija għas-Sena 2010, f'każ fejn kienu urew kuraġġ kbir waqt il-qadi tad-dmirijiethom.

Appena dawn iż-żewġ Pulizija ġew infurmati li kienu ġew magħżula li sejrin jirrapreżenatw il-Ko-rp f'attivita' barra minn xtutna, bdew bil-prepara-menti għal din is-safra. Huma ppreparaw il-vettura tas-servizz li ntgħażlet għal dan il-vjaġġ, vettura tat-tip Ford Focus saloon. Din il-vettura kienet tintuża' mill-Kummissarju John Rizzo sa ftit xhur qabel ma ġiet trasferita fis-Sezzjoni tal-Mobile.

Membri mit-Taqsima tal-M.T. ma naqsux milli jirfinaw l-emblemi u stikers oħra ħalli din titla' f'kundizzjoni perfetta. Il-frott ta' dan kien illi fost il-vetturi tal-Puliz-ija Ewropej, il-vettura Maltija dejjem tpoġġiet fl-aktar post prominenti waqt l-attivitajiet.

Malli wasalna Pozzallo nhar l-Erbgħa 18 ta'Mejju sibna jilqawna żewġ membri tal-Polizia Stradale li tagħmel parti mill-Polizia di Stato, fejn segwejni-hom matul it-toroq Sqallin. Nista' ngħid li kważi kull mitt kilometru nbidlet l-iskorta jew aħjar 'scorta staffetta'. Wasalna Messina u nista' ngħid li ż-żewġ kollegi wrew li kienu xufiera kapaċi daqs ix-xufiera tal-iskorta Taljana.

Pero' hemmhekk malajr esperjenzajna biċċa xogħol tal-Pulizija Taljana. Ftit sekondi wara li waqafna u konna qed nistennew biex nitilgħu l-vapur, smajna diversi sireni ġejjien, fejn feġġħet ambulanza sko-rtata mill-Pulizija u baqgħet dieħla dritt fuq il-vapur li kien għadu nofsu mgħobbi bil-vetturi. Mingħajr dewmien u b'ordni waħda diretta minn fizzjal Tal-jan, il-vapur tella' l-bieba u salpa lejn Reggio. Meta saqsejna x'kien inqala' sirna nafu li kien hemm tfajjel li kien fil-ponta tal-mewt meta dan kien tħalla mill-ġenituri tiegħu ġewwa vettura fix-xemx għal xi ħames siegħat!

Mal-wasla f'Reggio erġajna sibna żewġ membri tal-Polizia di Stato jistennewna barra l-vettura

bil-wieqfa u 'smart', fejn bdiet it-triq tagħna lejn il-belt antika ta' Nettuno.

Innotajna ukoll li l-vetturi tal-Polizia di Stato kważi kollha jaħdmu bid-diżel, xi ħaġa li aħna wkoll introduċejna. Aktar minn hekk, il-vetturi tal-Polizia Stradale kienu kollha kemm huma bi trassmissjoni tat-tip Q4 (4X4), jiġifieri b'żewġ fusien jittrażmettu l-enerġija tal-magna. Dan għax din is-sistema żżomm il-vettura aktar mal-art waqt sewqan b'veloċita' għolja.

Vettura li tispika kienet tat-tip Alfa 159 u magħrufa mit-Taljani bħala il 'Giuguaro'. Il-Magna tagħha għandha saħħa ta' 2.4 litri bit-turbo diżel. Bosta Pulizija qalulna li fejn id-diżel tal-vetturi tagħhom, l-vettura tagħna kienet ħliet naqra *fuel* mhux ħażin.

L-Istituto di Nettuno kellu jkun il-post li kellu jospita' l-mistiednin ta' din l-attivita'. Dan il-post ġie trasformat f'Akkademja għall-Uffiċjali kadeti, fejn huwa mibni u mgħammar bl-aktar teknoloġija moderna. F'dan il-post wieħed isib pixxina, *tennis courts,* grownd tal-futbol, u sala kbira li għandha diversi funzjonijiet.

Peress li l-Kadeti jqatgħu mit-Tnejn sal-Ġimgħa f'dan il-post, wieħed isib ukoll postijiet ta' rikreazzjoni, bħal blokk li msejjaħ *Benessere* li jinkludi Bar, u Laundry fost oħrajn. Il-Mess tagħhom tesa' 400 mitt ruħ f'daqqa.

Ġejna mdawra mal-faċilitajiet kollha li għandhom, fosthom il-mużew u l-*firing range* li huwa mdaqqas mhux ħażin. Fih hemm stazzjonati l-Fiamme d'Oro, li huma Pulizija full time fuq l-isport Olimpiku, kif ukoll hemm is-Sezzjoni tal-Klieb fuq in-naħa ta' wara.

Fil-kappella nutajna li kien hemm inkwatru kbir ta' San Mikiel, u laqtitna d-devozzjoni li għandhom għal dan il-qaddis padrun tal-Pulizija. Nista' ngħid li aħna kuntenti għax eżatt qabel ma tlaqna lejn l-Italja, kienet għada kif ħarġet l-aħbar fil-gazzetti ewlenien ta' Malta li jista' jibda l-bini tal-Akkademja ġdida ġewwa Ta' Kandja. Nemmen li fi ftit żmien ieħor aħna jkollna Akkademja fuq l-istess linji li għandhom Pulizija Ewropej. L-art li hemm f'Ta' Kandja hija kważi kbira daqs dik li hemm f'Nettuno.

L-għada ngħatajna spazju biex nistrieħu mill-vjaġġ li kien ta' madwar elf kilometru, li sar fi spazju ta' 15-il siegħa sewqan. Matul dan il-ħin aħna morna Ruma u żorna fost oħrajn il-Mużewijiet tal-Vatikan. Dawn jikkonsisti fi swali kbar mimilija rikkezzi u antikitajiet li ħafna minnhom m'għandhomx x'jaqsmu dirett mar-reliġjon.

Il-Ħamis filgħodu saret il-parata annwali u ċ-ċerimonja tal-għoti tal-unuri, li kull sena ssir bi preċiżjoni u organizzazzjoniji mpekkabbli.

Nhar il-Ġimgħa 20 ta' Mejju filgħodu ħadna xi ritratti uffiċjali flimkien u wara ħadna l-vetturi Ewropej bi skorta magħna ġewwa Caserma f'Magliana, Ruma. Il-vetturi ddaħlu f'*car wash* tal-Pulizija u wara ħaduna nieklu hemm stess.

Il-mezz ta' transport fil-Caserma huwa permezz ta' vetturi żgħar tal-***batteries***. Wara l-vetturi ġew meħuda fil-Park bl-isem ta' EUR, fejn ġejna nfurmati li taħtu kien kollu mini mħafra fi żmien il-gwerra biex jaqdu l-Ewropa maċ-ċentru ta' Ruma.






Is-Sibt fetħet l-*Open Day* li organizaw tant tajjeb il-Pulizia di Stato. Il-ħsieb kien illi ċ-ċelebrazzjonijiet uffiċjali li jsiru ġol-Piazza di Popolo, li ssoltu tit-gawda mill-maġġor parti tar-residenti qrib tal-post f'Ruma, jiġu konsolidati ma' esibizzjoni ta' ħiliet tal-Pulizija ġewwa l-EUR. Hemmhekk huma riedu juru l-abbiltajiet, l-inġenji u l-apparat tagħhom lill-familji u tfal fil-park ta EUR.

Hemm tpoġġew diversi tabelli kbar bl-arma tal-Polizia di Stato kif ukoll bil-bandiera Taljana. Kol-lox kien organizzat tajjeb madwar l-għadira li hemm fin-nofs. Bejn *stand* u ieħor tħalla spazju ta' xi 40 metru bogħod ħalli dan l-ispazju jintuża' mill-pubbliku bħal post ta' rikrejazzjoni. Il-*barriers* tal-ħadid ġew mgħottija b'*canvas covers* bil-logo u emblemi tagħhom. Saru diversi *shows* mis-Sez-zjoni tal-klieb tal-Pulizija (Centro Co-ordinamento Servizi Cinofoli), miċ-Ċentru Addestramento Alpino, miċ-Centro Nautico Sommazzatori, Centro Gruppi Sportivi Fiamma Oro.

Daqqa ssir attivita' fuq l-ilma u ftit wara fuq il-ħaxix. Kien hemm *displays* ta' salvataġġ, kif ukoll ta' arresti wara sewqan b'veloċita. Stand waħda partiku-lari kienet ta' nteress għax fiha membri tal-Polizia Di Stato kienu iħajru lill-pubbliku li jkun għaddej partikularment liż–żgħażagħ ħalli jabbonaw għal-servizzi fil-*website* tal-Polizia Di Stato; u oħrajn li joffru l-Polizia Postale.

Diversi familji bit-tfal attendew bi ħġarhom għal dawn l-attivitajiet. L-enfazi kienet il-parteċipazzjoni tal-pubbliku fl-attivitajiet. Eżempju is-Aezzjoni tal-Alpini ramgħaw *scaffolding* sabiex it-tfal u żgħażagħ jitgħalmu jiddendlu bil-ħbula. Dawn anke ramgħaw speċi ta' *slope* tas-silġ artifiċjali biex jagħtu taħriġ kif wieħed jitgħallem jiskija.

Nista' ngħid illi l-vettura tal-Pulizija Maltija ġibdet attenzjoni partikulari għax kull min resaq lejn il-post fejn kienu esibiti kulħadd wera' interess fiha u ħa ritratt mal-Focus ta' Malta. Kien hemm min anke faħħar id-disinn tagħha. Diversi tfal ħadu ritratti ġol-vettura tagħna libsin berrita żgħira tas-servizz li ttellet apposta sabiex wara ngħatat bħala *sou-venir* lill Istituto. Din tpoġġiet għal wiri flimkien ma' brieret oħra ta' Korpi Ewropej fil-vettrina li hemm fir-*Reception* tal-Istituto ta' Nettuno. Waqt din l-attivita' l-Pulizija Maltin qasmu fuljetti turistiċi kollhom ritratti ta' Malta flimkien ma' materjal ieħor li kienu ġew provduti mid-Dipartiment tat-Turiżmu Malti.

Ħafna kienu nterssati fit-tifsira tal-motto tal-Pulizija ta' Malta - DOMINE DIRIGE NOS.

Il-Ħadd filgħodu erġajna morna l-Park tal-EUR fejn in-nies ma naqsux, għalkemm wara nofsinhar għamlet ftit xita pero' wara ftit tkompla kollox fejn fl-aħħar daqqew il-Concerto della Fanfarra a Cav-allo dell Polizia di Stato.

F'ċerimonja żgħira l-Viċi-Questore Fabiana Ama-rante qassmet xi *souvenirs* lill-Pulizija mistiedna u għamlet diskors tal-okkazzjoni, fejn awgurat aktar ko-operazzjoni bejn il-Pulizija Ewropej. Wara rringrazzjaniha tal-istedina kif ukoll tal-ospitalita' tagħhom, wassalna t-tislijiet tal-Kummisarju tagħna li kien bagħat lill-Kummissarju tagħhom Sig. An-tonio Magnamelli, peress li ma setax jattendi l-istedina personali minħabba attivitajiet f'pajjiżna. Min-naħa l-Viċi Questore Amarante assiguratna li ħa twassal il-messaġġ.

Nistgħu ngħidu li t-triq lura kienet mingħajr inċidenti u sakemm wasalna Malta il-vettura ma ġarbet l-ebda girfa u ħadmet perfettament. Kien biss f'Messina li sibna ħafna traffiku, fejn il-Pulizija Taljana saquna 'l barra lejn l-Autostrada b'għaġla kbira ġo traffiku mwaħħal. Hawnhekk il-Kuntistabbli 869 K Gauci wera' s-sengħa tiegħu bħala xufier għax żamm sew wara l-vettura tal-iskorta Taljan.

Min hawn nixtiequ nirringrazzjaw lid-dirigenti tal-Pulizija Taljana tal-assistenza partikolarment lill Ass. Capo Gianni Sciro, Ass. Capo Gerardo Martini, Maria Grazzia Quinterno u Maria Vasconi u Sig. Al-lessandro li lkoll huma pulizija stazzjonati l'Istituto u ħadu ħsiebna sew.

Fl-aħħar u mhux l-inqas f'isem PC 869 u PC 8265 nixtieq nirringrazzja lill-Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo tal-opportunita' li tana sabiex inkunu parti minn din l-attivita', kif ukoll lil membri kollha fi ħdan il-Korp tax-xogħol tagħhom biex din il-mawra isseħħ.

# Tberik u ftuħ tal-Mejda tal-Appostli
















CAPTAIN MORGAN
Cruises
Operating a fleet of fully insured & licenced vessels
Harbour Cruise
Round Malta Day Cruise
Comino & The Blue Lagoon
Fernandes Gozo & Comino
Fernandes Sunset Cruise
Sailing Adventures
Jeep Safari Malta & Gozo
Spirit of Malta
Discovery Package
Sunday Special
20% Discount
on presentation of this advert
when booking direct with Captain Morgan.
Not valid with any other offer.
Captain Morgan Leisure Ltd. Dolphin Court, Tigné Seafront, Sliema, Malta
Tel: (+356) 2346 3333, Fax: 2346 3344
E-mail: info@captainmorgan.com.mt www.captainmorgan.com.mt


Dentrade
Now open at Naxxar
Wines
Spirits
Local Beer
Foreign Beer
Tobacco
FREE DELIVERIES
FANTASTIC PRICES
Open Daily 8AM - 7PM
Saturday 8AM - 12AM
Dentrade Vending Services
ice cream
cigarettes
snacks
coffee
Dentrade Co. Ltd
Main Corner, Triq il-Parocca, Naxxar NXR 2556
Tel: 21 523286 Fax: 21 521567 Mob: 7949 6445
Email: info@dentrade.com.mt
Web: www.dentrade.com.mt


There is a charm that age can never tarnish
Something the passing years can only enhance...
A unique beauty that only time can endow...
...The Island of Calypso
HOTEL
CALYPSO
★★★★
GOZO
Contact Reservations
Tel: 21562000 Fax: 21562012
Email: info@hotelcalypsogozo.com

# Introduzzjoni tal-*'Fleet Management System'* (FMS) fil-Korp tal-Pulizija

Spettur Anthony Agius - MT Garage

